# MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI 2017



UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# **MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI** 2017

Mejju 2018

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Sit elettroniku: http://www.opm.gov.mt

***Cataloguing-in-Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Miżuri ta' Simplifikazzjoni, 2017
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2018
29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-226-6

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja,
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz:  €4.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MFH | Ministeru għas-Saħħa |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MEW | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma |
| MEAE | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MESDC | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima |
| MFTP | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ |
| MTIP | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MFCS | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali |

DAĦLA

Kull pubblikazzjoni li ġiet ippubblikata s'issa ġġiegħlek tħares lura lejn dak li nkunu rnexxielna nwettqu matul is-sena ta' qabel. Sodisfazzjon li din hija r-raba' pubblikazzjoni tax-xorta tagħha u mill-ewwel pubblikazzjoni għal din jidher sew it-tiġdid li seħħ, il-bidla li saret u l-isforzi li saru biex naġġornaw is-Servizz Pubbliku għall-ħtiġijiet tal-lum. Forsi għal ħafna din il-pubblikazzjoni hija sempliċiment pubblikazzjoni oħra fil-lista ta' pubblikazzjonijiet. Iżda għas-Servizz Pubbliku, li f'dawn l-aħħar erba' snin li għaddew imbarka fuq tiġdid li l-qafas tiegħu jdur fuq servizz ta' kwalità li ma tkunx biss retorika imma tissarraf, din il-pubblikazzjoni tfisser ħafna.

Is-simplifikazzjoni tal-burokrazija f'dawn l-aħħar snin ħaffet proċessi tqal li kienu ilhom magħna snin twal. Eliminat ukoll *red tape* li ma kienx għadu validu imma li xorta kien isir 'għax dejjem sar'. Servizz Pubbliku li jrid jilħaq l-aspirazzjonijiet tan-nies ma jistax jaħdem 'għax dejjem sar hekk'. M'għandux ikollna Servizz Pubbliku li fih kollox jgħodd.

Għal darba oħra din is-sena, minkejja l-avvenimenti li s-Servizz Pubbliku għadda minnhom - fosthom uħud li kellu l-ewwel esperjenza tagħhom, bħat-tmexxija tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea - wasalna sabiex implimentajna 'l fuq minn 73% tal-miżuri ta' simplifikazzjoni ppjanati għall-2017. Dan filwaqt li kompliet il-ħidma sabiex jiġu implimentati miżuri pendenti minn snin preċedenti. Għaldaqstant, ir-rata totali ta' miżuri implimentati fl-2017 hija ta' 79%. Dan huwa 'l fuq mill-medja stabbilita matul l-aħħar snin.

Ċertament li l-iktar miżura li ċ-ċittadin seta' jmiss b'idejh kienet it-twaqqif ta' servizz.gov li elimina l-bżonn li ċittadin iterraq minn dipartiment għall-ieħor, minn skrivanija għall-oħra, biex jinqeda. Issa jista' jinqeda minn ħames ċentri reġjonali fil-qalba tal-komunità. Minflok iċ-ċittadin imur fid-dipartimenti, wassalna s-servizz għand in-nies. Ma waqafniex hawnhekk.

Għall-ewwel darba s-servizzi kollha governattivi nġabru onlajn f'sit elettroniku wieħed. Il-*One-Stop-Shop* onlajn twaqqaf is-sena li għaddiet u ta' dan ġejna rikonoxxuti mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-rapport *e-Government Benchmark Report* 2017. Pajjiżna kklassifika fl-ewwel post fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea f'dawk li huma servizzi onlajn. Ma nistgħux ma nħossux sodisfazzjon. L-ippjanar f'dak kollu li wettaqna beda jħalli l-frott. Issa l-isfida hi li nżommu postna.

Is-sena li għaddiet ukoll twaqqaf il-*One-Stop-Shop* għan-negozji; *Business 1st*. Kompla l-eżerċizzju tal-qalba għall-*e-forms* li komplew inaqqsu l-burokrazija żejda. Tant hu hekk li  fejn qabel negozju ġdid kien jitwaqqaf fi żmien xahrejn, issa dan jista' jsir fi tlett ijiem biss. L-eżerċizzju għadu għaddej biex b'hekk lejn l-aħħar tas-sena nkunu qlibna l-formoli kollha għal formoli elettroniċi.

Nara li l-ikbar simplifikazzjoni li saret hi preċiżament is-servizz.gov għax apparti li wassalna s-servizz għand in-nies u apparti l-*one-stop-shops* l-oħra li saru, is-servizz bdejna nagħmluh iktar aċċessibbli. Dik hi l-viżjoni li imbarkajna fuqha biex ikollna servizz tabilħaqq jixraq għal-lum: servizz 24/7 għal kulħadd minn kullimkien.

Permezz tal-eżerċizzju tas-simplifikazzjoni u anke l-introduzzjoni ta' *Key Performance Indicators*, ħidmet is-Servizz Pubbliku qed issir iktar effiċjenti, bis-servizz jingħata b'iktar konvenjenza u immedjatezza liċ-ċittadin.

Iżda fadal xi jsir. Fil-ġimgħat li għaddew nedejna t-tieni fażi tas-servizz permezz tal-mowbajl. Fi żmien sena, minn 21 *app* tlajna għal iktar minn 50 app u sit elettroniku li tista' taċċessahom ukoll minn fuq il-mowbajl. Ma nitkellmux iktar fuq *mobile apps* imma *mServices*. Il-pass li jmiss issa huwa li nżidu l-użu tagħhom. Il-livelli huma sodisfaċenti iżda żgur li s-servizzi onlajn jistgħu jiġu utilizzati iktar mill-pubbliku.

Il-pubbliku għandu għażla wiesgħa minn fejn jaċċessa s-servizzi governattivi. Kemm onlajn kif ukoll wiċċ imb wiċċ fiċ-ċentri reġjonali. Dan il-kunċett se jkompli jitwessa' bil-għan li aktar ċittadini jinqdew fil-qalba tal-komunità tagħhom minn post wieħed.

Kif naslu li nkunu mxejna sew biex nilħqu l-viżjoni ta' aċċessibbiltà 24/7 għal kulħadd minn kullimkien, allura nduru għall-pass li jmiss – il-viżjoni li jmiss. Viżjoni li tkompli tissimplifika l-proċessi u twassalna li ċ-ċittadin jipprovdi d-dettalji tiegħu lill-Gvern darba biss; dik li hija magħrufa aħjar bħala l-*Once Only Principle.*

Nafu fejn u kif irridu naslu. Bi ppjanar serju nassiguraw it-twettiq tal-viżjoni tagħna – tkun liema tkun. U din il-pubblikazzjoni hija turija ta' dan. Turija ta' kontabilità fil-ħidma tagħna li twassal għal servizz tal-ogħla kwalità.

**MARIO CUTAJAR**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

SERVIZZ.GOV

Filwaqt li tkompli għaddejja l-ħidma biex, bis-saħħa tat-teknoloġija, is-servizzi governattivi jkunu aċċessibbli għall-pubbliku f'kull ħin u minn kullimkien, dawn l-istess servizzi jibqgħu jitressqu qrib il-klijenti anke permezz taċ-ċentri ta' servizz.gov fil-qalba tal-komunità. Għal dawk li mhumiex midħla wisq tat-teknoloġija, jew jippreferu l-kuntatt wiċċ imb wiċċ, hemm dawn il-ħames ċentri li jinsabu f'Raħal Ġdid, il-Birgu, Birkirkara, Ħal Qormi u l-Qawra.

L-għan ta' dawn iċ-ċentri huwa li l-klijent jiffranka l-ħin u l-iskariġġ li jmur f'post ċentrali, bħall-Belt Valletta, biex jinqeda. F'kull wieħed mill-ħames ċentri jingħataw aktar minn 250 servizz. Iċ-ċentri joffru wkoll il-faċilità li jsiru appuntamenti ma' esperti dwar it-taxxa tad-dħul, il-VAT u esperti minn dipartimenti oħra skont il-ħtieġa.

Minn meta twaqqaf servizz.gov, jiġifieri lejn tmiem l-2015, il-*freephone* 153 baqa' l-iżjed mezz popolari fost il-klijenti biex jitolbu tagħrif dwar servizzi governattivi u jingħataw l-għajnuna li jkun hemm bżonn. Fil-fatt, il-medja ta' telefonati hija ta' madwar 28,000 fix-xahar.

Madwar 12% tal-klijenti jirrikorru personalment fil-ħames ċentri ta' servizz.gov. Il-kumplament tal-kuntatt mal-pubbliku jsir permezz tal-imejl servizz@gov.mt. Fl-2017 l-imejl beda jintuża wkoll mill-Kunsilli Lokali bħal *contact channel* ma' servizz.gov. Is-servizzi offruti minn servizz.gov komplew jiżdiedu f'Ġunju tal-2017, meta ngħaqad magħhom Jobsplus. Il-fatt li Jobsplus sar parti mill-*freephone* 153 kompla jikkonsolida s-servizz li jingħata l-klijent b'telefonata waħda biss.

F'Settembru tal-2017, ingħaqad ukoll is-servizz tal-Malta Enterprise dwar Business 1st, permezz tan-numru 144. B'hekk il-klijenti issa għandhom in-numru 153 biex jitolbu tagħrif u pariri dwar servizzi governattivi ġenerali, u n-numru 144 għal ħtiġijiet marbuta speċifikament mal-qasam tan-negozju. Iż-żewġ numri, madankollu, huma magħqudin f'sistema waħda.

L-uffiċini ta' Business 1st fl-Imrieħel huma wkoll imfasslin fuq il-kunċett taċ-ċentri ta' servizz.gov fil-komunità, bid-differenza li dan il-*one-stop-shop* hu mmirat speċifikament għas-sidien tan-negozji.

Il-ħidma ta' servizz.gov ġiet rikonoxxuta wkoll barra minn Malta. Fil-fatt f'Novembru tal-2017, f'Madrid, servizz.gov rebaħ il-premju internazzjonali Service Design Award 2017 permezz ta' proġett li kien il-frott ta' kollaborazzjoni bejn studenta Ingliża tar-Royal College of Arts, servizz.gov u l-i*stakeholders* tiegħu. L-istess proġett kien nominat ukoll għas-Service Design Fringe Festival Awards, fejn kien imfaħħar ħafna u kiseb suċċess ukoll.

Fl-2018 servizz.gov mistenni jkompli jissaħħaħ fost oħrajn bil-ftuħ ta' ċentri ġodda fil-komunità kif ukoll bl-introduzzjoni ta' metodi ġodda ta' komunikazzjoni għall-klijenti. B'hekk tkompli titwettaq il-viżjoni tal-gvern li s-servizzi li joffri jkunu mressqa dejjem eqreb lejn min ikun jinħtieġhom.

# SERVIZZI GOVERNATTIVI ONLAJN

F'dawn l-aħħar snin, saret ħidma kbira biex is-servizzi governattivi jkunu aċċessibbli minn kulħadd, fi kwalunkwe post u f'kull ħin. Fil-fatt f'Novembru 2016 ġiet varata l-Istrateġija għal Servizzi tal-Gvern fuq il-Mowbajl, li permezz tagħha twittiet it-triq biex dawn is-servizzi jsiru aċċessibbli mill-mowbajl 24 siegħa kuljum minn kullimkien.
Id f'id ma' din l-istrateġija, ittieħdu diversi inizjattivi oħra fl-2017 biex tintlaħaq il-mira li s-servizzi governattivi jkunu aċċessibbli f'kull ħin bl-għajnuna tat-teknoloġija. Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet it-tnedija tas-sit elettroniku **www.servizz.gov.mt**, fejn il-klijent isib madwar 800 servizz miġburin f'post wieħed flimkien mal-formoli relatati. Dawn il-formoli mhux biss ġew simplifikati iżda ħafna minnhom ġew trasformati wkoll f'*eforms* biex il-klijent ikun jista' japplika onlajn minflok jibgħat il-formola bil-posta. Il-proċess tal-qalba minn formoli f'format pdf għal *eforms* qed jitkompla matul l-2018 biex il-klijenti jkunu moqdijin dejjem aħjar u b'aktar kumdità u effiċjenza.

Fis-sit elettroniku, imwassal kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, il-pubbliku jsib tagħrif dwar fiex jikkonsisti kull servizz, kif jista' japplika għalih u min hu eliġibbli biex japplika. Is-sit joffri wkoll il-faċilità li wieħed jirrapporta burokrazija żejda, iressaq ilment jew suġġeriment, jew jitlob informazzjoni ġenerali.

Bħala parti mill-Istrateġija għal Servizzi tal-Gvern fuq il-Mowbajl, f'Marzu 2017 tnedew l-ewwel 21 *mobile app* li permezz tagħhom wieħed jista' jaċċessa s-servizzi governattivi minn fuq il-mowbajl. Dawn huma miġburin fl-*app* ewlenija bl-isem Maltapps u magħhom 'il quddiem se jiżdiedu oħrajn. Dan minbarra li jitnedew ukoll siti elettroniċi governattivi aċċessibbli mill-mowbajl.

Ir-rispons tal-pubbliku għall-Maltapps s'issa kien tajjeb ħafna, bl-aktar *apps* popolari fl-2017 ikunu Visit Gozo, My Tax Toolkit, 112mt, EU2017MT u Valletta 2018.

Matul l-2018 se tkompli l-ħidma biex aktar servizzi governattivi jkunu aċċessibbli mill-pjattaforma teknoloġika. Fost pjanijiet oħra, hemm dak li bil-mowbajl wieħed ikun jista' jagħmel ukoll tranżazzjonijiet u pagamenti lil dipartimenti u entitajiet governattivi bl-użu ta' mekkaniżmu sigur ta' identifikazzjoni.

B'hekk tiżdied l-effiċjenza fl-għoti tas-servizz u l-klijenti tas-Servizz Pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi offruti mill-kumdità ta' darhom jew minn kwalunkwe post ieħor 24 siegħa kuljum is-sena kollha.

# L-EWWEL KEY PERFORMANCE INDICATORS GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

L-2017 kienet sena kruċjali għas-Servizz Pubbliku. Dan għaliex iddaħħlu numru ta' riformi li qed iwasslu għal bidla sinifikanti fil-mentalità, fl-operat u fis-servizzi mogħtija.

Waħda mir-riformi ewlenin li twettqu fl-2017 kienet l-introduzzjoni tal-ewwel 12-il Key Performance Indicator (KPI) li ġew implimentati f'100 jum. Is-sistema fejn is-Servizz Pubbliku jaħdem b'KPIs ċari u definiti hija innovattiva għas-Servizz Pubbliku. Permezz ta' dawn il-KPIs, ġew simplifikati diversi proċessi fl-operat tas-Servizz Pubbliku filwaqt li tnaqqset il-burokrazija żejda.

Kien hemm, pereżempju, tnaqqis drastiku fiż-żmien tal-ipproċessar tal-applikazzjoni u l-għoti ta' servizz ġdid tal-elettriku, filwaqt li ġie stabbilit żmien definit li fih jingħata lura s-servizz f'każ ta' qtugħ tas-servizz tal-ilma. KPI ieħor ġab fis-seħħ tnaqqis fl-assenteiżmu tal-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji, filwaqt li mas-700 student b'diffikultà bbenefikaw minn pjan ta' għajnuna personalizzata.

Permezz ta' KPI ieħor, għall-ewwel darba, ġie stabbilit perjodu minn meta jiġi reġistrat ilment minn konsumatur sa meta tingħata soluzzjoni għall-każ jew inkella jiġi referut lit-Tribunal tal-Konsumatur. Tnieda wkoll KPI li permezz tiegħu twaqqaf Business 1st, li huwa *one-stop-shop* biex is-sidien tan-negozji jsibu taħt saqaf wieħed is-servizzi kollha li jiġu bżonn.

Il-KPIs iddaħħlu wkoll fil-qasam tal-mard fit-tul, fejn pazjenti li jidhru quddiem il-Bord Mediku tneħħielhom l-obbligu li jippreżentaw ċertifikat kull ġimgħa. B'hekk in-numru ta' ċertifikati naqas bin-nofs. Barra minn hekk, il-Karta r-Roża bdiet tiġġedded b'mod awtomatiku f'każ ta' benefiċċji mhux kontributorji – miżura li affettwat lil madwar 4,700 kap ta' familja.

Fil-qasam tal-ġustizzja ġew implimentati żewġ KPIs: It-twaqqif ta' Qorti Kummerċjali u l-użu ta' sistema onlajn biex l-emendi li jsiru fil-liġijiet ikunu aktar aċċessibbli. Permezz ta' KPI ieħor, is-servizz ta' wi-fi b'xejn ġie estiż għal aktar parks. Il-bdiewa u r-raħħala wkoll qegħdin igawdu mill-KPIs, billi bdew jingħataw assistenza teknika biex isiru aktar kompetittivi fis-suq.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-KPIs kienet imsejsa fuq il-kunċett ta' ppjanar 3D – jiġifieri *Define, Design u Deliver*. Saret enfasi fuq ippjanar tajjeb (*Define*) fejn min ser jimplimenta jrid jifhem eżattament x'inhu meħtieġ u kif ser titwettaq il-miżura. Wara saret evalwazzjoni tar-riżorsi meħtieġa (*Design*) matul il-fażi tat-twettiq u anke wara li l-miżura tkun imwettqa. Bażi soda u ppjanar tajjeb jippermettu li l-implimentazzjoni tkun waħda mingħajr skossi (*Deliver*) u għaldaqstant tajna rendikont ta' dak li ġie implimentat u fejn għad fadlilna x'naħdmu.

Is-sistema tal-KPIs tfisser aktar trasparenza u effiċjenza kif ukoll mezz kif jitkejlu r-riżultati miksuba. Il-KPIs huma mod ieħor kif titpoġġa fil-prattika l-governanza tajba u l-kontabilità, waħda mill-prinċipji li jiddefinixxu l-kwalità.

Il-proċess mibdi fl-2017 ser jitkompla u l-KPIs se jinfirxu mas-Servizz Pubbliku kollu fl-2018. Dan qed isir biex niżguraw li jibqa' għaddej it-tiġdid meħtieġ fis-Servizz Pubbliku, tkompli l-bidla fil-kultura tas-Servizz Pubbliku u jingħata servizz tal-aqwa kwalità liċ-ċittadin.

# ONE-STOP-SHOP
# GĦALL-UFFIĊĊJALI PUBBLIĊI

F'Novembru 2017 twaqqaf *One-Stop-Shop* għall-Uffiċjali Pubbliċi fil-*People & Standards Division* (P&SD) bħala xhieda tal-impenn li jiġi pprovdut servizz ta' eċċellenza lill-klijenti tagħna. Is-servizz huwa msejjes fuq l-erba' pilastri li jiddefinixxu l-kwalità fis-Servizz Pubbliku, jiġifieri l-vuċi, id-disinn, il-pakkett u l-kontabilità.

L-għan tal-*One-Stop-Shop* għall-Uffiċjali Pubbliċi – li twaqqaf bħala parti minn waħda mill-Key Performance Indicators għas-Servizz Pubbliku għall-2017 – huwa li jiżgura li fl-iqsar żmien possibbli l-uffiċjali pubbliċi jingħataw tagħrif, għajnuna u gwida dwar dak li għandhom dritt għalih jew servizzi aċċessibbli għalihom. It-twaqqif ta' din it-taqsima huwa minnu nnifsu eżerċizzju ta' simplifikazzjoni li jservi ta' eżempju għal kull min jipprovdi servizzi governattivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' effiċjenza u servizz ta' kwalità lill-klijenti.

Flimkien ma' dan il-*One-Stop-Shop*, twaqqaf ukoll *Grievances Board* fuq bażi permanenti biex jistħarreġ allegati inġustizzji fil-konfront ta' uffiċjali pubbliċi. Bit-twaqqif tal-*One-Stop-Shop* u tal-*Grievances Board,* l-uffiċjali pubbliċi ngħataw l-istess faċilità bħal ħaddiema oħra fis-settur pubbliku u fis-settur privat billi issa għandhom proċess stabbilit li permezz tiegħu jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom fejn iħossu li ġew aggravati jew li saret inġustizzja magħhom.

Fil-*One-Stop-Shop* l-uffiċjali pubbliċi jingħataw fl-iqsar żmien possibbli tagħrif utli dwar kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mal-impjieg tagħhom. Fost oħrajn, dan jinkludi informazzjoni u gwida dwar opportunitajiet fil-karriera; informazzjoni rigward taħriġ u prospetti ta' żvilupp; u informazzjoni u gwida rigward kundizzjonijiet tax-xogħol.

Il-*One-Stop-Shop* għall-Uffiċjali Pubbliċi qed jaħdem mill-qrib ma' dipartimenti u direttorati oħra biex jiżgura li l-uffiċjali pubbliċi jinqdew fl-iqsar żmien possibbli meta jressqu l-mistoqsijiet tagħhom. Barra minn hekk, il-*One-Stop-Shop* jipprovdi appoġġ permezz tal-*Grievance Help Desk*, li qed jaħdem id f'id mal-*Grievances Board* f'każijiet ta' talbiet dwar allegati inġustizzji mwettqa fil-konfront ta' uffiċjali pubbliċi.

L-uffiċjali pubbliċi jistgħu jaċċessaw is-servizzi tal-*One-Stop-Shop* billi jmorru personalment jew inkella bil-posta, bit-telefown jew bl-imejl. Jistgħu wkoll jitolbu appuntament għal laqgħa wiċċ imb' wiċċ f'numru 3, Pjazza Kastilja, il-Belt Valletta. F'xi każijiet, l-appuntament jista' jiġi ffissat għal wara l-ħinijiet tal-uffiċċju jekk b'dan il-mod ikun aktar konvenjenti għall-uffiċjal biex jaċċessa s-servizz. L-uffiċjali Għawdxin jistgħu jaċċessaw is-servizz mill-uffiċċju tal-P&SD li jinsab fix-Xewkija, Għawdex.

Qed jiġu finalizzati diskussjonijiet biex sistema tas-CRM tkun tista' tiġi addattata u tintuża għal dan il-*One-Stop-Shop*. Min-naħa tal-*One-Stop-Shop* ser jingħata t-taħriġ lill-*contact persons* li l-*One-Stop-Shop* għandu f'kull Ministeru dwar is-sistema l-ġdida u wara dan, il-*One-Stop-Shop* ser iniedi wkoll *briefing/consultation sessions* fuq bażi regolari mal-*contact persons* sabiex jinqasmu l-esperjenzi tal-każi u biex jingħata servizz dejjem aħjar.

Fl-ewwel ftit ġimgħat wara t-twaqqif tal-*One-Stop-Shop* għall-Uffiċjali Pubbliċi, sa tmiem Diċembru tal-2017, kien hemm konkorrenza tajba min-naħa tal-uffiċjali pubbliċi. Fil-fatt irrikorrew għall-għajnuna tal-*One-Sop-Shop* 115-il uffiċjal pubbliku.

Matul l-2018 il-*One-Stop-Shop* għall-Uffiċjali Pubbliċi se jkompli jsaħħaħ il-ħidma tiegħu bħala punt ta' referenza għall-uffiċjali pubbliċi, f'impenn biex tkun żgurata l-kwalità anke għall-klijenti interni tas-Servizz Pubbliku.

# BUSINESS 1ST

Il-*one-stop-shop* għan-negozji, magħruf aħjar bħala Business 1st, twaqqaf fuq l-istess kunċett taċ-ċentri l-oħra ta' servizz.gov, jiġifieri post fejn il-klijent isib is-servizzi li jkollu bżonn taħt saqaf wieħed. Filwaqt li ċ-ċentri l-oħra huma maħsubin għall-pubbliku ġenerali, il-klijenti ta' Business 1st huma sidien ta' negozji jew persuni li jixtiequ jibdew negozju.

Bit-twaqqif ta' Business 1st, ġie implimentat wieħed mill-Key Performance Indicators (KPIs) li ġew introdotti għas-Servizz Pubbliku fl-2017. Dawn il-KPIs segwew proġett pilota li permezz tiegħu ż-żmien biex wieħed jiftaħ negozju f'pajjiżna tnaqqas drastikament minn 28 jum għal mhux aktar minn tlett ijiem, filwaqt li l-formoli meħtieġa tnaqqsu minn 22 għal formola waħda biss li tista' timtela wkoll onlajn.

Business 1st hija kumpanija bejn il-Gvern u l-GRTU. Permezz tar-rispons regolari mingħand il-GRTU li tirrappreżenta 'l fuq minn 7,000 negozju, Business 1st jista' jiffoka fuq is-servizzi l-aktar mitluba mill-imprendituri u jara li dawn is-servizzi jitwasslu b'effiċjenza u bl-anqas burokrazija possibbli. Dan isir permezz ta' djalogu dirett kemm man-negozjanti nfushom kif ukoll ma' min jirrappreżentahom.

Matul l-2016 u l-2017, sar ħafna xogħol bejn Business 1st u l-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u Negozji Żgħar biex titnaqqas il-burokrazija u tiżdied is-simplifikazzjoni f'għadd ta' proċessi. Fost miżuri oħra, kien hemm it-tneħħija ta' 80% tal-liċenzji tan-negozji (*trading licences*). Ix-xogħol li sar kien wieħed mill-fatturi li għenu biex Malta ġiet ikklassifikata fl-ewwel post fl-*eGovernment benchmark 2017 Report* tal-Kummissjoni Ewropea. Riżultat bħal dan huwa xhieda ċara li l-ħidma biex tiżdied l-aċċessibbiltà fis-Servizz Pubbliku għan-negozji u għaċ-ċittadini qed tħalli l-frott. Għalhekk fl-2018 ser ngħaddu għall-fażi li jmiss - li jsir użu akbar mis-servizzi elettroniċi offruti.

Bit-twaqqif ta' Business 1st, qed ikun hemm koordinament aħjar bejn is-settur governattiv u dak privat, bi skambju ta' ideat waqt *workshops* u sessjonijiet ta' informazzjoni li jiġu organizzati fl-uffiċini ta' Business 1st fl-Imrieħel.

Is-servizzi li jingħataw minn Business 1st kulma jmur qegħdin jiżdiedu. Minbarra uffiċjali mill-Malta Enterprise, f'Business 1st il-klijenti jsibu għad-dispożizzjoni tagħhom uffiċjali minn diversi dipartimenti u entitajiet li magħhom diġà ġie ffirmat *Service Level Agreement*. Dawn jinkludu d-Dipartiment tal-VAT; l-Awtorità tal-Ippjanar; is-Saħħa Ambjentali; l-Awtorità tat-Turiżmu; il-Measures and Support Division; Jobsplus; id-Dipartiment tal-Kummerċ b'assistenza fuq *patents* u proprjetà intellettwali; il-Family Business Office; il-Kunsill Malti għall-Arti; il-Kunsill Malti għas-Snajja'; u d-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, fost oħrajn.

Bil-preżenza ta' dawn kollha taħt saqaf wieħed, in-negozjant jista' jserraħ moħħu li se jingħata l-assistenza kollha meħtieġa mingħajr ma jkollu għalfejn iżur dipartimenti f'lokalitajiet differenti.

Hu ppjanat li fl-2018 inkomplu naħdmu fuq *Service Level Agreements* ma' diversi entitatijiet oħra biex huma wkoll ikunu rappreżentati f'Business 1st u l-klijent ikun moqdi dejjem aħjar. Dawn l-entitajiet jinkludu Identity Malta; Transport Malta; id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi; id-Dipartiment tat-Taxxi Interni; id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali; u d-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti.

B'dan il-mod inkunu qegħdin niżguraw li nkomplu nagħtu l-aqwa servizz, u mingħajr dewmien, lil dawk involuti fin-negozju f'pajjiżna.

XIRI PUBBLIKU

Matul l-2017 kompliet il-ħidma biex titwettaq ir-riforma fix-xiri pubbliku, riforma li magħha ġġib aktar simplifikazzjoni. Bħala parti minn din ir-riforma, id-Dipartiment tal-Kuntratti ppublika sitt *Procurement Policy Notes* biex l-interpretazzjoni tal-liġi tkun uniformi u faċli biex tinftiehem minn kulħadd.

Flimkien ma' dawn il-publikazzjonijiet ġew ukoll aġġornati diversi dokumenti li jinkludu *templates* tas-sejħiet għall-offerti, regoli ġenerali, kundizzjonijiet, u formoli relevanti għall-kuntratti pubbliċi. Fl-2017 ġew introdotti wkoll *etemplates* għas-sejħiet dipartimentali, sejħiet għall-kwotazzjonijiet kif ukoll sejħiet ippubblikati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. Dan kollu biex jagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet kontraenti li jkunu konformi mal-liġijiet tax-xiri pubbliku.

Fost id-dokumentazzjonijiet introdotti biex jitħaffef il-proċess tas-sottomissjonijiet għall-offerti nsibu l-European Single Procurement Document (ESPD) – liema formola tintuża għas-sejħiet kollha li jaqbżu l-€135,000 u tista' tiġi sottomessa għal kull sejħa simili.

Matul l-2017 twettqet ukoll ħidma impenjattiva biex jiġi aġġornat il-Manwal ta' Proċeduri, filwaqt li ġew ippubblikati xejn inqas minn tlettax-il linja gwida dwar ix-xiri pubbliku. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-linji gwida hu li filwaqt li jispjegaw u jiċċaraw punti prinċipali tal-liġi tal-akkwist pubbliku, jissimplifikaw numru ta' proċessi biex iqassru t-tul taċ-ċiklu tax-xiri.

B'koordinament mal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS) kompla wkoll it-taħriġ għall-uffiċjali pubbliċi fil-qasam tax-xiri pubbliku. Matul l-2017 tħarrġu 366 uffiċjal pubbliku f'dan il-qasam. Tfassal ukoll kors akkreditat dwar il-*Green Public Procurement* biex jikkumplimenta l-Pjan Nazzjonali t'Azzjoni f'dan il-qasam. Dan il-kors ġie segwit minn 544 uffiċjal. Dan it-taħriġ sar ukoll biex jissaħħaħ il-kunċett tal-Ministerial Procurement Units (MPUs) u l-proġett pilota li beda fis-sena 2016 ikompli jinfirex f'Ministeri oħra.

S'issa twaqqfu ħames MPUs f'dawn il-Ministeri: il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u l-Ministeru għal Għawdex. B'din id-deċentralizzazzjoni, id-Dipartiment tal-Kuntratti qed isaħħaħ ir-rwol regolatorju tiegħu.

B'rabta mar-riforma fix-xiri pubbliku, Malta ssemmiet f'rapport maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-professjonalità fix-xiri pubbliku, fejn ġiet imfaħħra fir-rigward tat-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera f'dan il-qasam. Fl-istess dokument, it-Taqsima tal-*Compliance* u Moniteraġġ tad-Dipartiment tal-Kuntratti ssemmiet bħala eżempju ta' inizjattiva biex tiġi promossa l-integrità fuq livell individwali u istituzzjonali.

Ta' min isemmi wkoll li filwaqt li fl-2013 kienu jgħaddu 242 jum biex jiġi pproċessat tender, dan il-perjodu issa tnaqqas għal 84 jum, jiġifieri inqas sew mill-medja tal-Unjoni Ewropea, li hija ta' 120 jum.

Qabża kbira 'l quddiem seħħet ukoll fis-sistema tal-ivvjaġġar tal-uffiċjali pubbliċi bl-introduzzjoni tas-sistema tal-Corporate Travel Web-Based System. Fl-2017 din is-sistema innovattiva ġiet implimentata f'erba' Ministeri bħala proġetti pilota. L-għanijiet ewlenin għat-tfassil ta' din is-sistema ta' vvjaġġar huma dawn li ġejjin:

- Ġbir ta' dejta li tiffaċilita t-teħid tad-deċiżjonijiet u li allura twassal għal titjib fin-negozjar mal-kuntratturi,

titjib fl-ibbaġitjar, u analiżi aktar dettaljata tal-ispejjeż b'tali mod li jkunu jistgħu jitfasslu *policies* b'mod aktar infurmat.

- Aktar flessibilità biex kull awtorità kontraenti tkun tista' tapplika proċeduri u *policies* bl-aktar mod effiċjenti u effettiv.

- Iffrankar ta' xogħol amministrattiv fejn tiġi mdaħħla d-dejta bażika u kollox jiġi maħdum elettronikament (kemm kalkoli u anke l-proċess ta' approvazzjonijiet). Ta' min iżid li hemm aċċess immedjat għad-dejta f'każ li jkun hemm il-bżonn ta' verifika.

- Tnaqqis ta' użu ta' karti u allura jitnaqqas ukoll il-bżonn ta' ħafna aktar spazju għall-ħażna ta' dokumenti.

Dawn il-bidliet kollha huma konformi mal-viżjoni wiesgħa tal-Gvern għas-Servizz Pubbliku biex dan ikompli jilqa' għall-bidliet li jitlob is-suq ekonomiku, tiġi eliminata l-burokrazija żejda u jkun proattiv fl-amministrazzjoni pubblika.

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Simplifikazzjoni fil-proċess tal-importazzjoni tal-ikel biex l-informazzjoni provduta mill-importatur tintbagħat darba u tiġi utilizzata minn diversi direttorati u entitajiet konċernati skont il-ħtieġa. | Bdew u tlestew id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati li wasslu għat-tfassil ta' pjan kif se tiġi żviluppata sistema ħolistika. | Is-sistema msemmija Intrastat ġiet żviluppata u adattata għall-bżonnijiet tal-importaturi u tal-entitajiet konċernati. | Sar it-taħriġ lill-ispetturi involuti kif ukoll lill-importaturi li ser jagħmlu użu mis-sistema. | Tlestiet is-sistema u bdiet tintuża b'aktar faċilitajiet għall-importaturi. | 300 negozjant/ importatur | Implimentata |
| 159 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jiġu reġistrati żwiġijiet minn proċess manwali għal wieħed elettroniku. Dan se jgħin ukoll biex persuna tkun tista' tordna kopja taċ-ċertifikati onlajn mingħajr il-ħtieġa li żżur id-dipartiment. | Saret evalwazzjoni tas-sistema eżistenti biex jiġu identifikati r-rekwiżiti addizzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida.<br><br>Saru laqgħat mal-fornitur dwar l-operat u beda xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Komplew il-laqgħat mal-fornitur dwar l-ewwel abbozz tas-sistema li permezz tagħha se jiġu reġistrati żwiġijiet b'mod elettroniku. | Tkomplew il-laqgħat mal-fornitur dwar l-iżvilupp tas-sistema.<br><br>Infetaħ *Merchant Account* biex fih jintlaqgħu ħlasijiet li jsiru onlajn għax-xiri taċ-ċertifikati. | Beda u tlesta l-proċess ta' ttestjar tas-sistema flimkien mat-taħriġ lill-persuni involuti. Kompla l-iżvilupp fuq is-sistema. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 160 | Introduzzjoni ta' sistema onlajn li tippermetti lis-Sezzjoni tal-Espatrijati (*Expatriates*) biex tipproċessa applikazzjonijiet tal-karti tar-residenza b'mod elettroniku. B'hekk persuna tkun tista' tressaq it-talba onlajn mingħajr il-bżonn li żżur id-dipartiment. | Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp u l-*coding* tas-sistema l-ġdida mill-fornitur. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema u bdew jinkitbu l-proċessi applikabbli għall-*back office* u l-integrazzjoni tal-*payment gateway* biex pagamenti jkunu jistgħu jsiru onlajn. | Baqa' għaddej l-iżvilupp u l-*coding* tas-sistema.<br><br>Saru laqgħat mal-fornitur biex jiġu ċċarati numru ta' rekwiżiti. | Ġiet approvata l-aħħar verżjoni ta' *Design Specification*.<br><br>Saru tibdiliet fil-*coding* u bdew il-preparamenti għat-*testing* tas-sistema. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 120 | Tħaddim tal-*once-only principle.* Aċċess wieħed u komuni minn fejn informazzjoni uffiċjali dwar persuni u indirizzi postali tkun tista' tiġi aċċessata. B'hekk jiġi evitat il-bżonn li persuna jkollha kull darba tipprovdi l-istess informazzjoni biex tapplika/tikseb servizzi minn dipartimenti/entitajiet varji. | Bdiet ħidma mal-entitajiet involuti, fosthom Identity Malta u l-Uffiċċju Elettorali, biex jitħejja pjan għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Beda x-xogħol preparatorju fuq il-ħruġ tal-offerta biex jinxtara s-*software* addattat. | Saru diversi taħditiet interni mal-entitajiet involuti flimkien mal-MITA dwar l-importazzjoni u t-tindif tar-rekords. | Infetħet sejħa għall-offerti u ġew magħżula l-fornituri biex jaħdmu fuq l-iżvilupp tas-*software.*<br><br>Ġew identifikati l-ewwel sitt reġistri ta' informazzjoni u ġew amalgamati fuq bażi inizjali mar-reġistru li fih dettalji bażiċi bħall-isem u l-kunjom tal-persuna.<br><br>Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi impimentata |
| 122 | Simplifikazzjoni fl-użu tal-karta tal-identità elettronika. Sal-lum il-proċess ta' awtentikazzjoni msejjaħ *High Assurance* jirrikjedi verifika tan-numru tal-karta tal-identità, il-*password*, iċ-ċertifikat diġitali u l-PIN. Dan il-proċess se jitqassar billi jiddaħħal il-PIN biss mingħajr ma tiġi mittiefsa s-sigurtà tal-persuna. | Bdiet analiżi tas-sistema kurrenti u ġew identifikati l-bidliet meħtieġa għat-twettiq ta' din il-miżura. Dawn il-bidliet se jiffaċilitaw il-proċess tal-awtentikazzjoni fejn il-PIN għall-verifika ser jintalab u jiddaħħal darba biss. | Ingħalqet l-analiżi u tlesta d-disinn tal-bidliet fis-sistema tal-użu tal-karta tal-identità elettronika. | Sar il-proċess tal-ittestjar biex tiġi żgurata l-kwalità tas-sistema l-ġdida. | Tlesta x-xogħol ta' ttestjar u s-sistema l-ġdida ġiet varata. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 123 | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) se tirrevedi l-proċess tal-liċenzjar tal-*Amateur Radio* biex tiffaċilita l-proċedura ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ġodda. L-MCA se tintroduċi *Lifetime Licence* li tirrikjedi *a one-time only licence fee.* B'hekk se tiġi eliminata l-ħtieġa li persuna tinnotifika lill-MCA jekk l-apparat ta' radjukomunikazzjoni tagħha jkunx *CE Certified.* Fil-preżent, dawn il-liċenzji jitħallsu kull sena jew kull erba' snin skont il-każ. | Bdiet ħidma mill-MCA dwar analiżi ta' qafas regolatorju li jħaddnu numru ta' pajjiżi f'dan il-qasam biex jirregolaw is-servizz tal-*Amateur Radio.*<br><br>L-MCA fasslet sett ta' proposti li jirregolaw dawn is-servizzi b'mod aktar sempliċi. | Ġie ppreparat dokument ta' konsultazzjoni kif ukoll sett ta' regolamenti għal konsultazzjoni mal-partijiet involuti. | L-MCA għamlet il-preparamenti biex id-dokument elenkat jitressaq għall-konsultazzjoni pubblika. | L-MCA kisbet l-approvazzjoni għar-reviżjoni fil-qafas regolatorju tal-liċenzjar tal-*Amateur Radio.*<br><br>Ġie ppubblikat id-dokument għall-konsultazzjoni pubblika. | Il-pubbliku, b'mod partikolari madwar 350 persuna li għandhom liċenzja tal-*Amateur Radio* | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 125 | Introduzzjoni ta' sistema ċentralizzata msejħa Enhanced Automated Reporting System, biex tiffaċilita l-mod kif tinqara l-informazzjoni minn mal-kaxxi tal-logħob u tintbagħat b'mod elettroniku lill-MGA. Permezz ta' din is-sistema, l-operatur mhux se jkollu bżonn jaqra l-informazzjoni b'mod manwali u jissottomettiha personalment. | Beda x-xogħol fuq il-kitba tat-*tender* għall-iżvilupp ta' Enhanced Automated Reporting Platform skont ir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti mir-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku. | Ġie ppubblikat it-*tender.* | Ingħalaq it-*tender* u beda l-proċess ta' evalwazzjoni.<br><br>Saru wkoll preżentazzjonijiet tas-sistemi varji. | Tlestiet l-evalwazzjoni tat-*tender* u beda l-proċess biex jiġi ingaġġat il-kuntrattur. | Operaturi tal-*gaming* | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 126 | Titnieda sistema ġdida ta' liċenzjar għall-operaturi tal-*gaming*. Operaturi f'dan il-qasam se jintalbu jiksbu liċenzja waħda (liċenzja B2C) jekk se jbigħu lil konsumatur, jew liċenzja waħda oħra (liċenzja B2B) jekk se jbigħu servizzi lil operaturi oħra. Dan se jevita l-bżonn li jinkisbu erba' klassijiet ta' liċenzji differenti mill-istess operatur. | Inkitbet il-liġi u ġiet preżentata lill-Kabinett. Saru preżentazzjonijiet mad-ditti ta' konsulenza, kif ukoll ma' ditti oħrajn. | Kompliet il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati. L-abbozz tal-leġiżlazzjoni għal-logħob, li tinkludi, fost regolamenti oħra, l-implimentazzjoni ta' liċenzjar B2B u B2C, kif ukoll il-*Public Consultation Paper*, tlesta f'Ġunju. | Ġiet ippubblikata l-*Public Consultation Paper.*<br><br>Il-Malta Gaming Authority evalwat il-bosta kummenti u proposti li rċeviet fil-konsultazzjoni pubblika, bil-ħsieb li taġġorna l-abbozz tal-liġi l-ġdida u dawk sussidjarji kif meħtieġ. | L-Avviż Legali ġie emendat biex jirrifletti l-kummenti miksuba waqt il-konsultazzjoni pubblika u ġie ppubblikat.<br><br>Bdiet ħidma biex l-Avviż Legali jsir liġi. | Bejn 250 u 300 operatur tal-*gaming* u l-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 200 | Jinbeda proġett pilota fejn jiġi installat *Wi-Fi* b'xejn f'rotot partikolari tat-trasport pubbliku. Huwa mistenni li madwar 200,000 persuna jibbenefikaw minn dan is-servizz ġdid. | Bdew diskussjonijiet mal-kumpanija Malta Public Transport (MPT) dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.<br><br>Ġie diskuss il-pjan li nibdew din l-attività bħala proġett pilota fuq 8 rotot tal-linja għal perjodu ta' 6-8 xhur. | L-MPT bagħtet il-proposta tagħha lill-Malta Communications Authority (MCA) u Tansport Malta (TM), li tkopri miżuri addizzjonali dwar kif din is-sistema tista' tinfirex fuq aktar rotot. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura, bħala waħda mill-KPIs għall-2017, ma laħqitx il-mira tagħha, dik li tiġi implimentata f'mitt jum. Madanakollu, ix-xogħol fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura tkompla. | | | |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 201 | Introduzzjoni ta' proċess ġdid għall-eliġibilità u kalkolu tal-*allowances* li jkunu dovuti lill-impjegati tal-gvern. Ser titfassal formola waħda ġdida li tintuża mid-dipartimenti kollha tal-gvern. Dan għandu jgħin biex jibda jkun hemm uniformità u l-proċess ta' verifika u ħlas tal-*allowances* isir b'mod ħafna aktar effiċjenti. Biex ikun hemm aktar kontabilità, ser jibda jsir ukoll awditjar tal-proċess imħaddem mid-dipartimenti konċernati fis-Servizz Pubbliku. | | Tfassal pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. Ingħata taħriġ dwar *Business Process Reingeneering* (BPR) lill-uffiċjali fi ħdan id-Divizjoni tal-P&SD bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Beda u tlesta BPR dwar il-proċess ta' eliġibilità u kalkolu ta' *allowances* applikabbli għall-ħaddiema tal-gvern bl-għan li l-proċess jiġi simplifikat u uniformi. | Inkitbet formola waħda għat-talba ta' *allowances* mill-ħaddiema u tqassmet mal-Ministeri. Il-proċess ġie applikat b'uniformità filwaqt li d-Diviżjoni tal-P&SD bdiet ħidma interna ta' awditjar fuq il-proċess biex tassigura li dan qed jiġi segwit kif mixtieq. | Uffiċjali pubbliċi | Implimentata |
| 166 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Beda eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġi evalwat is-*software* li bih il-formoli se jinqalbu min format PDF, Word u EXCEL għal *eform*. F'dan il-proċess ġew identifiakti 21 formola biex jiġu konvertiti din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' *enhancements* fis-sistema li se jwasslu biex jiġu konvertiti 21 formola f'*eforms*. | Tlestew l-ewwel 14-il formola flimkien mat-*testing*. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 7 formoli oħra u b'hekk ġew konvertiti 21 formola f'*eforms*. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 181 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (*mservices*) permezz ta' żvilupp ta' siti li huma kompatibbli ma' *devices* elettroniċi, fosthom:<br><br>(a) Is-sit għas-Servizz Pubbliku: www.publicservice@gov.mt<br>(b) Is-sit għall-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku: intra.gov.mt<br>(ċ) Is-sit għal ġabra ta' informazzjoni: https://secure3.gov.mt/intrastat/signin.aspx<br><br>Dawn is-siti huma aċċessibbli wkoll minn Maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti li fuqhom se jsir l-iżvilupp biex isiru kompatibbli ma' *devices* elettroniċi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders* involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ. | Tlesta l-iżvilupp u beda t-*testing.* Twaqqfu *focus groups* biex issir evalwazzjoni tas-siti l-ġodda. | Tlestiet l-evalwazzjoni u s-siti ttellgħu fuq Maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 127 | Introduzzjoni ta' *software* li se jgħin lill-kliniċi biex ikunu f'pożizzjoni li jissottomettu l-formolarju kollu tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun b'mod elettroniku. Dan se jgħin fl-effiċjenza dwar kif *data* tal-pazjenti bejn il-kliniċi u l-Awtorità tiġi proċessata. | Bdiet diskussjoni interna mal-Information Management Unit, is-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) u d-Dipartment tal-Kuntratti biex isiru l-preparamenti għall-kitba tat-*tender.* | Inkitbu l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli u t-*tender* ġie finalizzat għall-pubblikazzjoni. | Ġie ppubblikat it-*tender* bi preparazzjoni għall-ewwel fażi tal-proġett. Saret l-evalwazzjoni u ġie ffirmat il-kuntratt mal-fornitur. | Bdiet ħidma fuq id-dokument tat-tieni *tender* li jkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-*software* meħtieġ. | Il-kliniċi liċenzjati biex jipprovdu s-servizz tal-IVF | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 128 | Simplifikazzjoni fil-mod kif isir il-ħlas għall-proċeduri tal-IVF u għall-iffriżar tal-gameti; minn sistema manwali ta' ċekkijiet għal sistema li tilqa' pagamenti onlajn. | Bdew diskussjonijiet mad-dipartiment tal-ICT u l-i*stakeholders* involuti, fosthom il-kliniċi liċenzjati tal-IVF li jħallsu dawn il-pagamenti, li wasslu għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Il-pagamenti bdew isiru onlajn direttament fil-kont bankarju tal-Awtorità. | | | | Il-kliniċi liċenzjati biex jipprovdu s-servizz tal-IVF u l-impjegati tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 | Twaqqif ta' *Call Centre* ċentrali li se jiffaċilita l-aċċess għall-pubbliku biex jikseb appuntamenti u informazzjoni mill-Kura Primarja. | Beda l-proċess ta' taħriġ għat-*Telephone Operators* fi ħdan il-*Call Centre*. Ġie installat l-apparat u s-*software* l-ġdid fil-*Call Centre* kif ukoll saret kampanja promozzjonali tal-linja telefonika diretta (21231231). Il-*Call Centre* ġie inawgurat f'Marzu. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 130 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika li se tiffaċilita l-mod kif jinġabru l-ordnijiet għall-ikel mill-pazjenti fl-Isptar Mater Dei. B'hekk il-pazjent mhux se jintalab jimla l-menù b'mod manwali u l-kuntrattur se jirċievi l-ordnijiet direttament. | Bdew diskussjonijiet mal-persuna inkarigata għall-iżvilupp tas-sistema elettronika. Saru laqgħat mal-kuntrattur u ġew miftehmin ir-rekwiżiti li se jiġu ġġenerati minn din is-sistema. | Ġiet identifikata l-aqwa sistema għat-tħaddim ta' din il-miżura u bdiet ħidma fuq l-implimentazzjonu u l-iżvilupp tas-sistema. | Bdiet u tlestiet il-ħidma fuq it-tfassil tas-sistema. Beda l-proċess tal-ittestjar tas-sistema. | Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema. Bdew laqgħat ta' informazzjoni dwar kif taħdem is-sistema man-*nurses* u l-*careworkers.* | Pazjenti f'Mater Dei | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 131 | Tisħiħ fl-aċċess għall-informazzjoni biex il-pubbliku jkun jista' jikseb informazzjoni relatata mas-servizzi offruti minn Allied Health minn fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat tas-Servizzi tal-Allied Health. | Bdiet ħidma fuq il-ġbir tal-informazzjoni applikabbli u ġiet imtellgħa fis-sit. | Is-sit elettroniku ġie fornut b'informazzjoni aġġornata. Ġew miżjuda paġni ġodda relatati mas-servizzi tal-fiżjoterapija li jingħataw fis-Sir Anthony Mamo Oncology Centre kif ukoll ġew aġġornati s-servizzi eżistenti ta' Allied Health fl-Isptar Boffa. Id-Direttorat kompla bil-monitoraġġ kontinwu tas-sit matul dan il-perjodu. | Tkompla x-xogħol ta' monitoraġġ permezz tal-Information Management Unit (IMU). Saru tibdiliet fil-paġna prinċipali tas-sit biex l-informazzjoni mtellgħa tkun faċli biex tiġi aċċessata mill-pubbliku. | Tkompla l-proċess ta' monitoraġġ u ttellgħu *newsletters* ġodda li nħarġu mid-Direttorat. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 132 | Introduzzjoni ta' Service Operating Procedures (SOPs) ġeneriċi għal kull servizz li jaqa' taħt ir-responsabilità tad-Direttorat tal-Allied Health Care Services. B'hekk ikun hemm sett ta' proċeduri għal kull servizz li jirregolaw il-mod kif is-servizzi jingħataw lill-pubbliku. | Tlesta abbozz tal-proċeduri biex jiġu inklużi fis-Service Operating Procedures (SOPs) u ġew diskussi internament. | Bdiet u tlestiet evalwazzjoni tal-kontenut propost mill-kapijiet tas-Servizzi biex jiġi inkluż fl-SOPs. L-SOPs ġew ifformalizzati. | Saru laqgħat mal-kapijiet tas-servizzi dwar il-kontenut tal-SOPs, kif ukoll konsultazzjonijiet mal-unjins dwar l-għan u l-kontenut ta' dawn l-SOPs. | Il-konsultazzjonijiet tlestew u l-SOPs ġew ippubblikati. | Ħaddiema fil-Ministeru | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 133 | Simplifikazzjoni fil-mod kif pazjenti morda bil-kanċer tal-musrana jingħataw appuntament mal-onkoloġista. Fil-preżent, pazjenti jintalbu jistennew minn tlieta sa erba' ġimgħat biex jingħataw appuntament. Permezz ta' dan il-proġett, pazjenti se jibdew jiġu referuti mill-ewwel permezz tal-intervent tal-Colorectal Nurse Navigator. | Saret analiżi tal-proċess li permezz tiegħu pazjenti tal-kanċer tal-musrana jingħataw appuntament. B'hekk ġew identifikati r-raġunijiet għad-dewmien fl-għoti tal-appuntamenti. Saru laqgħat mal-*istakeholders* li wasslu għall-introduzzjoni tan-Nurse Navigator, sistema li tiggwida u ssegwi lill-pazjent skont il-bżonnijiet tiegħu. | Ġiet żviluppata s-sistema ta' dokumentazzjoni li fuqha jinżamm rekord tal-pazjenti li jkollhom dijanjosi tal-kanċer fil-musrana u l-istadji li jkunu fihom matul il-proċess tal-kura. Ingħata wkoll taħriġ lin-Nurse Navigator fuq il-proċess ta' kura u l-użu tas-sistema ta' dokumentazzjoni. | Saru laqgħat ma' diversi professjonisti u ħaddiema dwar l-użu tan-Nurse Navigator. | Wara perjodu ta' prova tlestiet l-evalwazzjoni tal-proċess u n-Nurse Navigator bdiet titħaddem. B'hekk l-appuntamenti bdew jinħarġu b'aktar effiċjenza. | Pazjenti, b'mod partikolari dawk morda bil-kanċer tal-musrana | Implimentata |
| 134 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika ta' Customer Relationship Management fl-Isptar Mater Dei biex kull każ rappurtat mill-klijenti jiġi koordinat u segwit b'aktar effiċjenza. | Saret ħidma dwar il-ħtiġijiet tas-Sistema CRM b'diskussjoni kontinwa mal-Customer Care. | Bdew diskussjonijiet mal-iżviluppatur magħżul biex jibni s-sistema. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida u ngħata taħriġ lill-impjegati fil-Customer Care Unit. | Ġiet varata s-sistema l-ġdida u bdiet titħaddem. | Il-pubbliku u l-impjegati fil-Customer Care Unit fl-Isptar Mater Dei | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 135 | Introduzzjoni ta' sistema ta' *smart cards* għall-pazjenti li jbatu mill-kundizzjoni tas-Coeliac fejn minflok jinħareġ *voucher* monetarju jingħataw *card*. B'hekk jinqata' l-bżonn li persuna jkollha żżur il-kunsill lokali biex issarraf il-*voucher* kull xahar. Barra minn hekk, jonqos ix-xogħol ta' stampar, l-ispiża tal-karta għall-*vouchers* u d-*deliveries* għand il-kunsill. | Bdew taħditiet bejn il-POYC Unit u l-iżviluppaturi tas-sistema elettronika bil-għan li jwasslu għall-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. Saru laqgħat biex tinstab l-aħjar soluzzjoni elettronika li toffri valur miżjud għall-partijiet kollha li jmissu ma' din l-iskema. | Komplew it-taħditiet bejn il-partijiet involuti. | Komplew it-taħditiet bejn il-POYC Unit u l-iżviluppaturi tas-sistema biex tiġi identifikata l-aħjar soluzzjoni elettronika. | Il-POYC bdiet ħidma fuq l-evalwazzjoni ta' numru ta' soluzzjonijiet bl-għan li tkejjel il-vijabilità tagħhom. | Pazjenti u *stakeholders* involuti | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 136 | Introduzzjoni fis-settur privat tas-sistema li tiffaċilita l-mod kif jinħarġu r-riċetti; minn sistema manwali għal waħda kompjuterizzata. B'hekk il-pazjent ser jinqeda aħjar u t-tabib jibda jkollu rekords tat-trattament mogħti lil dak il-pazjent li jkunu aġġornati regolarment. B'hekk it-tabib ser ikollu viżibilità *real-time* tal-kundizzjoni tal-pazjenti u l-ispiżjara ser ikunu jistgħu jaqraw aħjar ir-riċettta. Dan se jgħin ukoll fl-awditjar tar-riċetti u jitjieb il-proċess tal-*forecasting* tal-mediċini. | Tlestiet il-ħidma fuq id-dokumenti applikabbli għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura, fosthom l-*Impact Assessment* u l-Abbozz tal-Avviż Legali l-ġdid. | Id-dokumenti tressqu għad-diskussjoni u l-approvazzjoni interna. | Ġew ikkunsidrati numru ta' emendi fl-abboz tal-avviż legali. | Komplew id-diskussjonijiet interni u ġie finalizzat l-abbozz tal-avviż legali l-ġdid. Bdiet ħidma biex l-avviż legali jsir pubbliku u l-preskrizzjonijiet jibdew jinħarġu permezz ta' sistema elettronika. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 137 | Introduzzjoni ta' għodda elettronika ġdida (*BI Tool*) li permezz tagħha d-*data* li hija diġà miġbura għand il-POYC tkun tista' tiġi ġġenerata fil-pront biex jittieħdu deċiżjonijiet f'waqthom, ikun hemm analiżi aħjar tal-*forecasting* u kontroll tal-i*stock* tal-Gvern fl-ispiżeriji. | Bdew taħditiet bejn il-POYC Unit u l-iżviluppaturi tas-sistema elettronika u beda l-proċess tal-analiżi li jwassal għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u sar it-*testing* meħtieġ. Ingħata t-taħriġ lill-ħaddiema u s-sistema bdiet topera. | | | Spiżeriji li jħaddmu l-POYC Scheme flimkien mad-Dipartment tas-Saħħa | Implimentata |
| 138 | myHealth - aktar servizzi onlajn. Se jiġu introdotti aktar servizzi fil-myHealth, liema proċessi sal-lum jinħadmu b'mod manwali. Fost dawn insibu li (a) tobba fil-privat se jkunu jistgħu jordnaw testijiet b'mod elettroniku; (b) tobba fil-privat se jkollhom aċċess għal informazzjoni ta' immunizzazzjoni tal-pazjenti tagħhom; u (ċ) ikun hemm il-faċilità għal tobba fil-privat biex ikollhom informazzjoni għal mediċini maħruġa minn din l-iskema – POYC. | Sar xogħol biex il-myHealth - Next Generation toffri l-għażla bejn l-Ingliż u l-Malti. Dan kien xogħol estensiv li involva t-traduzzjoni ta' mijiet ta' termini tekniċi mill-Ingliż għall-Malti. | Kompla x-xogħol fuq is-servizzi li permezz tagħhom it-tobba tal-familja privati jkunu jistgħu jordnaw it-testijiet tal-laboratorju b'mod elettroniku. | Saru t-testijiet fuq is-sistema u ġew identifikati u solvuti numru ta' emendi biex jippermettu lit-tobba jordnaw it-testijiet tal-laboratorju b'mod elettroniku. | Ġiet implimentata s-sistema li biha t-tobba jaċċessaw informazzjoni dwar it-tilqim onlajn. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | Introduzzjoni ta' sit elettroniku ġdid dwar servizzi fil-qasam tas-saħħa - Next Generation myHealth. Dan is-sit se jiffaċilita l-aċċess lit-tobba biex jiksbu informazzjoni dwar il-pazjenti tagħhom. Il-pazjenti se jkollhom informazzjoni aktar aċċessibbli dwar is-settur tas-saħħa. | Beda u tlesta x-xogħol fuq is-sistema l-ġdida tal-myHealth (myHealth - Next Generation). Is-sistema tpoġġiet onlajn f'Marzu. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 140 | Simplifikazzjoni fil-mod kif tobba u professjonisti oħra jaċċessaw l-Isoft Clinical Manager. Din is-sistema se tinbidel biex topera fuq bażi ta' *single sign-on*. Fil-preżent, persuna tintalab tawtentika ruħha diversi drabi biex taċċessa s-sistema. | Saru diskussjonijiet interni u ġew maqbula l-oġġettivi ta' kif għandha tiġi ssimplifikata s-sistema li tintuża biex jiġu ordnati diversi testijiet elettronikament. Din is-sistema tagħti aċċess għal riżultati ta' laboratorji u radjoloġija. | Ġew evalwati l-possibbiltajiet ta' kif din is-sistema se titħaddem. | Is-sistema ġiet aġġornata u l-aċċess ġie faċilitat. B'hekk, l-impjegati u l-professjonisti li jagħmlu użu minn din is-sistema qed jintalbu biex jawtentikaw ruħhom darba biss. | Saru konsultazzjonijiet mat-tobba u l-professjonisti dwar it-tħaddim tas-sistema u saru numru ta' emendi. Is-sistema kompliet titħaddem. | Madwar 5,000 persuna li jagħmlu użu minn din is-sistema, inkluż tobba u infermiera | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 142 | Simplifikazzjoni fil-mod kif isiru spezzjonijiet fi ħwienet tal-laħam. Dan permezz ta' *self-assessment checklist* li negozji se jingħataw bi preparazzjoni għall-ispezzjonijiet. B'hekk negozju jkun jista' jirregola l-operat tiegħu f'każ li ssirlu spezzjoni. Din il-ħidma ser issir b'koordinazzjoni mal-Business Inspections Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | Saru laqgħat interni kif ukoll mad-Direttorat tar-Regolamentazzjoni Veterinarja li wasslu għall-ewwel abbozz taċ-*checklist.* Saru diskussjonijiet ukoll mal-ispetturi tas-saħħa ambjentali u mal-assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-bejjiegħa tal-laħam. | Sar studju pilota mqassam fuq madwar tletin ħanut tal-laħam kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. F'dan l-istudju ġie evalwat l-użu tas-*self-assessment checklis*t kemm mil-lat tal-operatur kif ukoll mill-Ispetturi tas-Saħħa Ambjentali. | Ġew diskussi t-tibdiliet fiċ-*checklist* mal-Assoċjazzjoni tal-Laħam. Id-Diretorat tas-Saħħa Ambjentali beda jaħdem fuq il-linji gwida għal dawk in-negozji ġodda li ser ikunu qed jitolbu *health clearance* fuq l-operat tagħhom. | Il-linji gwida u ċ-*checklist* ġew ippubblikati fuq is-sit tad-Diretorat tas-Saħħa Ambjentali. | Bejjiegħa tal-laħam | Implimentata |
| 143 | Introduzzjoni ta' manwal u linji gwida għall-bejjiegħa tal-laħam. Dan se jirriżulta fi produzzjoni u bejgħ ta' ikel aktar sigur, filwaqt li l-operaturi se jingħataw gwida ċara ta' x'jirregolahom. | Saru laqgħat mad-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji u l-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Laħam li matulhom tfassal pjan ta' x'għandu jinkorpora l-manwal. | Il-manwal tfassal wara diversi laqgħat bejn l-Environmental Health Directorate u l-Veterinary Regulation Directorate. L-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Laħam ġiet ikkonsultata wkoll u anke ntalbet tagħti *feedback* fuq dak li jixtiequ li jkun inkluż f'dan il-manwal. | Saru laqgħat mal-awtoritajiet kompetenti u l-Assoċjazzjoni tal-Laħam flimkien mal- Kummissjoni għas-Sigurtà tal-Ikel. | Saru l-emendi meħtieġa fil-manwal u dan ġie approvat mill-Kummissjoni tas-Sigurtà tal-Ikel. Il-manwal ġie ppubblikat fuq is-sit tad-Diretorat tas-Saħħa Ambjentali. | Il-pubbliku, b'mod partikolari bejjiegħa tal-laħam | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 144 | Introduzzjoni ta' sistema ċentrali fejn importaturi jkunu jistgħu jressqu dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni jew avviżi qabel ma konsenja ta' ikel tal-annimali jew pjanti tidħol f'Malta. Din il-miżura ser tnaqqas l-ispejjeż u tiffranka l-ħin u l-iskariġġ lill-importatur peress li mhux ser ikollu għalfejn joqgħod idur id-diversi direttorati biex jinnotifika. | Saru diskussjonijiet mal-entitajiet konċernati dwar ir-rapport li tħejja mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali u saret l-evalwazzzjoni tas-sistemi manwali kif ukoll dawk elettroniċi. | Beda xogħol fuq il-modifikazzjoni tas-sistema Instrastat. It-tibdil rikjest, flimkien mar-rappurtaġġ mitlub, ġie konkluż. | Ġie diskuss it-tibdil mitlub waqt laqgħa mal-Kummissjoni għas-Sigurtà tal-Ikel. Sar l-ittestjar tas-sistema u t-taħriġ għall-Ispetturi tas-Saħħa Ambjentali, kummerċjanti u importaturi. | Ġiet varata s-sistema onlajn. | Madwar 1,600 kummerċjant | Implimentata |
| 147 | Kordinazzjoni bejn l-Isptar Monte Carmeli u sptarijiet/kliniċi oħra tal-gvern, biex jiġu ffaċilitati l-appuntamenti tal-pazjenti u jiġi evitat dewmien bla bżonn. | Bdew diskussjonijiet bejn l-Isptar Monte Carmeli u numru ta' entitajiet dwar il-kordinazzjoni meħtieġa. Ingħata taħriġ lill-infermiera inkarigati għas-sistema tal-appuntamenti msejħa CPAS. | It-taħriġ lill-infermiera fuq is-CPAS kompla għaddej. Is-sistema bdiet tintuża biex l-informazzjoni tal-pazjent tkun iċċentralizzata. It-taħriġ ġie estiż ukoll għal aktar infermiera u *ward clerks.* | Ġiet kordinata l-ħidma bejn l-Isptar Monte Carmeli u l-isptarijiet/kliniċi oħra tal-gvern. B'hekk, din il-miżura ġiet implimentata. | | Pazjenti li għandhom bżonn il-kura għas-saħħa mentali | Implimentata |
| 148 | B'kollaborazzjoni mas-settur volontarju, se tiġi faċilitata l-għajnuna mogħtija lill-pazjenti, speċjalment lill-anzjani li jeħtieġu servizz miċ-ċentri tas-saħħa. Dan jikkonsisti f'servizz ta' *meet and greet* biex tingħata għajnuna diretta lil kull min iżur iċ-ċentri tas-saħħa. | Bdew diskussjonijiet mal-Volserve (SOS Malta) dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. | Bdiet ħidma fuq il-loġistika u fuq il-pjan ta' taħriġ meħtieġ. | Ġew allokati l-fondi għal dan il-proġett u bdiet ħidma biex jiġu identifikati n-nies li se jaħdmu f'dan il-qasam. | Saru l-preparamenti biex jitfassal Memorandum of Understanding bejn il-gvern u l-organizzazzjonijiet volontarji involuti, filwaqt li beda t-taħriġ fiċ-ċentri tas-saħħa. | Il-*catchment area* tvarja bejn 40,000 u 90,000 | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 | Simplifikazzjoni fil-mod kif infermiera u qwiebel jiksbu informazzjoni dwar l-aħħar riċerka u l-*infection control* li tirrigwardja l-*intravenous infusion*. Fil-preżent, l-infermiera u l-qwiebel huma mitluba jattendu għal kors li jsir kull ħames snin. Permezz ta' din il-miżura, dan il-kors se jibda jingħata b'mod elettroniku. | Bdiet ħidma fuq il-kontenut tal-kors relatat mal-*intravenous infusion* biex dan ikun aċċessibbli onlajn. | Il-kontenut tpoġġa onlajn u tfassal eżami relatat mal-*intravenous infusion.* Grupp ta' infermiera għamlu t-test bħala proġett pilota. Wara li saru l-emendi meħtieġa, bdiet komunikazzjoni mal-entitajiet involuti biex l-infermiera tagħhom ikunu jistgħu jitħarrġu fuq is-suġġett. | | | Madwar 3,000 infermier u qabla | Implimentata |
| 179 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms.* | Saru laqgħat interni flimkien mad-Dipartment tal-Promozzjoni u l-Prevenzjoni tas-Saħħa fejn ġew identifikati l-formoli li riedu jiġu konvertiti f'*eforms*. Għal din is-sena ġie deċiż li jinqalbu 3 formoli. | Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp ta' dawn il-formoli flimkien mal-fornitur. | Kompla x-xogħol fuq il-konverżjoni tal-formoli u beda xogħol ta' *testing.* | It-3 formoli identifikati għal din is-sena nqalbu f'*eforms* u huma aċċessibbli mill-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR


Business

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Isir Reġistru Nazzjonali tat-*Trademarks* fuq sit aċċessibbli biex il-klijenti jiksbu informazzjoni dwar it-*trademarks* reġistrati jew fil-proċess. Din is-sistema ser tagħti faċilità lill-industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u l-pubbliku biex jiċċekkjaw jekk *trademark* hijiex disponibbli jew le. Sal-lum dan ir-reġistru jinżamm b'mod manwali. | Twaqqaf *focus group* biex flimkien ma' numru ta' utenti jitfassal pjan t'azzjoni biex l-operatur ikun jista' jagħmel il-bidliet neċessarji. Is-sistema ġiet ippruvata u ġiet varata l-verżjoni bil-lingwa Ingliża. | Sar xogħol biex is-sistema tkun bilingwi. Ġiet varata l-verżjoni bil-Malti. | | | Industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat fit-*trademarks* | Implimentata |
| 68 | Isir Reġistru Nazzjonali ta' Privattivi onlajn minflok is-sistema manwali tal-lum. Il-klijenti ser ikunu jistgħu jaraw il-privattivi (*patents*) reġistrati jew fil-proċess. Din is-sistema ser tagħti faċilità lill-industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat biex jiċċekkjaw jekk privattiv (*patent*) huwiex disponibbli jew le. | Tfassal pjan ta' implimentazzjoni u ġew identifikati r-rekwiżiti inizjali. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-operatur u beda jiġi żviluppat is-sit elettroniku. | Tlesta l-iżvilupp u s-sistema bdiet tiġi ppruvata. Saru l-modifiki meħtieġa flimkien mat-traduzzjoni tal-lingwa mill-Ingliż għall-Malti. | Tlaqqa' *focus group* rappreżentat minn numru ta' utenti varji bħala parti minn konsultazzjoni wiesgħa għat-tħaddim tas-sistema. Inġabar il-*feedback* u ġie kkumpilat f'rapport. Bdiet ħidma dwar l-emendi meħtieġa flimkien mal-operatur. | Industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat fil-privattivi (*patents*) | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Tiġi introdotta sistema biex sottomissjonijiet u reġistrazzjoni għal privattivi (*patents*) isiru onlajn. Bħalissa klijenti jirreġistraw privattivi billi jmorru personalment id-Dipartiment tal-Kummerċ. Din is-sistema ser tkun qed tiffaċilita u tgħin lil min huwa interessat li jirreġistra privattivi onlajn. Is-servizz ser jingħata 24/7 u minn kullimkien. | Bdiet ħidma dwar l-iżvilupp tas-sistema tal-*Patents Back Office.* | Sar studju preliminari biex jiġi stabbilit kif is-sistema se tiġi integrata ma' sistema oħra tal-*Patents Back Office.* | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-operatur u tlestiet l-analiżi tar-rekwiżiti meħtieġa. Ġie ppreparat prototip tas-sistema u beda jiġi żviluppat il-*portal.* | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*portal* il-ġdid li permezz tiegħu tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni tal-privattivi onlajn. | Industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat fil-privattivi (*patents)* | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 70 | Sal-lum klijenti jġeddu r-reġistrazzjoni tal-privattivi billi jmorru personalment id-Dipartiment tal-Kummerċ. Ser tiġi introdotta sistema ta' tiġdid tar-reġistrazzjoni tal-privattivi (*patents)* onlajn b'aċċess 24/7 u minn kullimkien. | Bdiet ħidma dwar l-iżvilupp tas-sistema tal-*Patents Back Office.* | Sar studju preliminari biex jiġi stabbilit kif is-sistema se tiġi integrata ma' sistema oħra tal-*Patents Back Office.* | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-operatur u tlestiet l-analiżi tar-rekwiżiti meħtieġa. Ġie ppreparat prototip tas-sistema u beda jiġi żviluppat il-*portal.* | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*portal* il-ġdid li permezz tiegħu tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni tal-privattivi onlajn. | Industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat fil-privattivi (*patents*) | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Introduzzjoni ta' reġistru elettroniku dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tan-negozji. S'issa dan ir-reġistru jinżamm b'mod manwali. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-operatur u abbozzat id-dokument tal-Analiżi Rekwiżiti flimkien mad-Dipartiment tal-Kummerċ. Is-sistema bdiet tiġi żviluppata u ġiet varata. | | | | Impjegati tat-Trading Licensing Unit | Implimentata |
| 72 | Aċċess għas-sit ta' Malta Industrial Parks biex kull min għandu kirja mal-Malta Industrial Parks ikun jista' jikseb informazzjoni dwar il-kontijiet rispettivi tiegħu u jagħmel it-tranżazzjonijiet relatati onlajn. Is-sistema ser tilqa' wkoll ilmenti u suġġerimenti. Sal-lum din is-sistema hija waħda manwali. | Beda u tlesta studju li jistabbilixxi r-rekwiżiti inizjali tas-sistema. | Saru diskussjonijiet mal-operatur dwar kif is-sistema l-ġdida se tintegra f'sistemi oħrajn. | Ġew identifikati r-rekwiżiti inizjali u ġie abbozzat id-dokument li se jwassal għall-emendi meħtieġa. Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Sar it-*testing* tas-sistema u tlestew numru ta' emendi. Twaqqaf *focus group* kompost minn numru ta' utenti varji u bdiet konsultazzjoni dwar it-tħaddim tas-sit. | Negozjanti li għandhom kirja industrijali mal-Malta Industrial Parks | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Sal-lum l-ipproċessar tal-privattivi jsir manwalment u ma jinżammu ebda rekords diġitali. Ser issir *Patents Backoffice System* li għandha tiffaċilita u tgħin fl-ipproċessar tal-privattivi. Dawn ser jiġu diġitizzati u mdaħħlin fis-sistema elettronika. | L-operatur magħżul beda jiżviluppa s-sistema li ser tamministra d-diġitizzazzjoni tal-privattivi wara li sar eżerċizzju ta' ġbir ta' rekwiżiti. Ġiet varata s-sistema u bdiet titħaddem mid-Dipartiment tal-Proprjetà Intellettwali biex jiġu proċessati l-applikazzjonijiet il-ġodda tal-privattivi. | Beda xogħol ta' diġitizzazzjoni tal-privattivi qodma li kienu miżmuma bħala kopji stampati kif ukoll ħidma dwar il-migrazzjoni ta' *data* antika għas-sistema l-ġdida. Sadanittant, bdiet tintuża s-sistema l-ġdida għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal *patents* ġodda. | | | Industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat fil-privattivi (*patents*) | Implimentata |
| 75 | Issir *EU Document Management System* elettronika ċentralizzata. Sal-lum l-ipproċessar ta' *dossiers* u noti oħrajn relatati mal-UE jsir permezz ta' *emails*. Is-sistema għandha tiffaċilita l-ipproċessar tax-xogħol kollu relatat mal-UE. | Bdew laqgħat interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Komplew laqgħat interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Ġew identifikati r-rekwiżiti inizjali u beda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' din is-sistema. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Impjegati tal-Policy Development and Programme Implementation Directorate fi ħdan il-Ministeru | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Żvilupp ta' Intranet għad-Dipartiment tal-Kummerċ. L-implimentazzjoni tal-Intranet għandha ttejjeb il-proċessi, it-tqassim tal-informazzjoni u l-għarfien mal-impjegati tad-Dipartiment tal-Kummerċ. Din is-sistema għandha wkoll tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-impjegati konċernati. | Wara li saret preżentazzjoni lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ dwar is-sistema tal-Intranet li diġà qed tintuża mill-Ministeru, ġew identifikati xi funzjonijiet oħrajn biex jakkomodaw il-bżonnijiet ta' dan id-Dipartiment. | Intwera l-prototip tas-sistema u ġie abbozzat id-dokument tal-analiżi rekwiżiti. Il-*portal* beda jiġi żviluppat u sar it-*testing.* | Tlesta t-*testing* tal-*portal* u ġiet varata s-sistema. B'hekk, l-intranet beda jintuża mill-impjegati tad-Dipartiment tal-Kummerċ. | | Impjegati tad-Dipartiment tal- Kummerċ | Implimentata |
| 77 | Introduzzjoni ta' *Document Management System* bil-għan li tittejjeb is-sistema preżenti ta' arkivju (*P-Drive*). Din is-sistema titħaddem permezz tal-Intranet u ser iżżid is-sigurtà u l-kontroll fuq id-dokumenti. Apparti dan, is-sistema se tkun aċċessibbli wkoll minn *devices* elettroniċi. | Bdew laqgħat interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Komplew laqgħat interni u ġew identifikati r-rekwiżiti inizjali biex tiġi żviluppata s-sistema. | Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp tal-*portal* kif ukoll il-proċess li permezz tiegħu se jinxtara *software* għall-migrazzjoni tad-*data.* | Inxtara s-*software* u beda l-proċess biex id-*data* tiġi trasferita fuq is-sistema l-ġdida. Sar it-*testing* tas-sistema u kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*portal.* | Impjegati fi ħdan il-Ministeru | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 194 | *Business 1st Servizz.gov*: Jitwaqqaf *One-Stop-Shop* għan-negozji. | Saru laqgħat bejn il-Ministeru, il-Malta Enterprise u l-GRTU sabiex jiġu diskussi ideat dwar it-twaqqif u l-operat ta' *one-stop-shop* għan-negozji. Bdiet ħidma biex ikun identifikat sit li jilqa' fih l-operat ta' dan iċ-ċentru. | Ġie definit l-istatut tal-kumpanija l-ġdida li minnha se jkun fornut is-servizz. Ġie riservat l-isem tal-entità l-ġdida mar-Reġistru tal-Kumpaniji fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji. Bdiet reviżjoni tas-*service level agreements* prinċipali tal-Business 1st biex jintlaħaq ftehim ġdid mad-dipartimenti governattivi u anke entitajiet. Saret sejħa sabiex jiġi identifikat post addattat u ċentrali għall-użu ta' dawn l-uffiċini. Ġew evalwati l-offerti u ġie konkluż il-kuntratt mal-operatur. Bdew diskussjonijiet biex dan iċ-ċentru jkun immexxi fuq l-istess standards ta' servizz.gov. Fl-istess ħin beda t-taħriġ lill-impjegati. | Sar xogħol ta' disinn u rinovazzjoni fl-uffiċċju tal-Business 1st b'tali mod li jirrifletti l-kunċett ta' servizz.gov. Inxtrat l-għamara u sar xogħol relatat mal-infrastruttura addattata għall-IT. Saru l-intervisti għall-ingaġġ tal-istaff flimkien mat-taħriġ. Ġie inawgurat iċ-ċentru Business 1st u beda jopera għall-pubbliku, partikolarment għan-negozjanti u dawk li jixtiequ jiftħu negozju u li għandhom bżonn xi forma t'assistenza jew gwida. Din il-KPI ġiet implimentata f'mitt jum kif pjanat. | | Imprendituri | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Sar studju fejn ġew identifikati l-formoli kollha tal-Ministeru li għadhom fil-format ta' pdf. Ġew kategorizzati total ta' 53 formola li ser ikunu trasformati f'*eforms*. Għal din is-sena ġie deċiż li jinqalbu l-ewwel 7 formoli. | Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp ta' dawn il-formoli flimkien mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 2 formoli u sar it-*testing.* Kompliet il-ħidma mal-fornitur dwar il-konverżjoni tal-5 formoli pendenti. | Tlesta x-xogħol fuq 5 formoli oħra u b'hekk is-7 formoli identifikati għal din is-sena ġew konvertiti f'*eforms*. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 182 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (*mservices*) permezz ta' żvilupp ta' siti li huma kompatibbli ma' *devices* elettroniċi. Fosthom hemm is-sit dedikat għan-National Trademark Register: http://ips.gov.mt/NR/<br><br>Dan is-sit huwa aċċessibbli wkoll minn Maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġie identifikat is-sit biex jinqaleb f'format kompatibbli ma' *devices* elettroniċi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders* involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ. | Tlesta l-iżvilupp u beda t-*testing*. Twaqqaf *focus group* biex issir evalwazzjoni tas-sit il-ġdid. | Tlestiet l-evalwazzjoni u s-sit ittella' fuq Maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL


Anatomy for the Artist
Markus Hattstein
THE GOTHIC CATHEDRAL
Discovering Cathedrals
HADRIAN'S VILLA

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Żvilupp ta' riferta onlajn tal-iSchools Psychological Services (SPS) fid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti. B'hekk, jitħaffef il-proċess tar-riferti u l-intervent meħtieġ mill-istudent/a jiġi ffaċilitat. | Ġew identifikati u analizzati l-ħtiġijiet ta' kif l-applikazzjoni tal-SPS tkun tista' tittella' onlajn. | Beda x-xogħol sabiex din ir-riferta tittella' onlajn. | Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tar-riferta flimkien mat-*testing* u ġiet varata onlajn. B'hekk, il-pubbliku ngħata aċċess għar-*referral forms* kollha li jaqgħu taħt is-Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel. | | Il-pubbliku, b'mod partikolari studenti | Implimentata |
| 18 | Servizz ġdid ta' *talking books* fil-Librerija Pubblika minflok is-servizz tal-*cassettes*. Dan se jingħata lil persuni li ma joħorġux minn darhom, jew li huma neqsin mid-dawl jew għandhom problema fil-qari. Dan se jissimplifika x-xogħol fil-librerija filwaqt li l-klijent jinqeda aħjar. | Beda l-proċess tal-qalba tal-kotba minn *cassettes* għal *talking books.* | Ġie inawgurat is-servizz ta' *talking books.* | | | 150 membru li jagħmlu użu minn dan is-servizz | Implimentata |
| 19 | Il-membri tal-libreriji pubbliċi se jkunu jistgħu jillinkjaw il-kont ta' Facebook tagħhom mal-kont tal-websajt tal-Libreriji Maltin għal aċċess akbar tal-kontenut tal-libreriji u *ebooks*. Dan jagħmel l-aċċess iktar faċli u effiċjenti. | Sar ix-xogħol tekniku meħtieġ fuq is-sistema. Is-servizz beda jintuża mill-pubbliku, li issa għandu aċċess iktar faċli u effiċjenti għas-sit tal-Libreriji Maltin. | | | | Kważi 120,000 membru tal-Libreriji Maltin | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Il-membri tal-librerji pubbliċi se jkunu jistgħu jillinkjaw il-*cards* tal-familja f'kont wieħed, jilloggjaw fis-sit tal-Libreriji Maltin u jinqdew bis-servizzi onlajn bl-istess kont. Il-klijenti se jkollhom il-faċilità li jaċċessaw u jużaw is-servizzi onlajn tal-Libreriji Maltin għall-familja kollha mingħajr ma jilloggjaw f'isem kull persuna. Dan jagħmel l-aċċess iktar faċli u effiċjenti. | Sar ix-xogħol tekniku meħtieġ fuq is-sistema u s-servizz beda jintuża mill-pubbliku. | | | | Kważi 120,000 membru tal-Libreriji Maltin | Implimentata |
| 21 | Sal-lum, sidien tan-negozji li jixtiequ jiftħu *vacancy* mal-Jobsplus huma mitluba jimlew formola ta' tliet faċċati. Dan il-proċess ser jitneħħa u minflok, min iħaddem se jkun jista' jqabbel il-bżonnijiet tiegħu ma' dawk li qed ifittxu xogħol mis-sit il-ġdid tal-Jobsplus. | Sar ix-xogħol ta' simplifikazzjoni fuq il-Vacancy Profile Form u ġiet varata b'suċċess għall-użu tal-pubbliku. | | | | Sidien ta' negozji | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Sal-lum mhux permess li wieħed juża *cameras* diġitali jew *mobiles* biex jieħu ritratti ta' dokumenti fl-Arkivji Nazzjonali. Se tiġi implimentata sistema ġdida ta' kif ir-riċerkaturi jkunu jistgħu jagħmlu kopji diġitali ta' dokumenti waqt ir-riċerka tagħhom. Din se tagħti aktar libertà lir-riċerkaturi biex jakkwistaw kopji ta' materjal b'anqas dewmien u b'anqas spejjeż. Barra minn hekk, l-Arkivji Nazzjonali jiġu fuq l-istess livell ta' arkivji barranin u xi arkivji lokali li diġà qed iħaddmu sistema simili. | Saret riċerka ma' 40 arkivju nazzjonali differenti f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea dwar is-sistema li juża kull arkivju. | Ġew analizzati r-riżultati tar-riċerka u saret konsultazzjoni mal-partijiet interessati. B'dan il-mod, ġiet iddisinjata s-sistema ideali u beda x-xogħol biex din tiġi fis-seħħ. | Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema u tnediet għall-użu tar-riċerkaturi li jżuru l-Arkivji Nazzjonali. | | Madwar 1,800 riċerkatur/riċerkatriċi | Implimentata |
| 23 | L-applikazzjonijiet għax-"Xalati ta' Kitba" u l-programm NWAR tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se jibdew isiru b'mod elettroniku minflok b'mod manwali biss. Il-ġenituri/kustodji ser isibuha iktar faċli biex japplikaw għal dawn l-attivitajiet/programmi. | Beda x-xogħol tekniku fuq l-applikazzjonijiet għax-"Xalati ta' Kitba" u l-programm NWAR. | Tlestiet u ġiet varata l-applikazzjoni tax-"Xalati ta' Kitba". Kompla x-xogħol fuq il-formola għall-programm NWAR. | Kompla x-xogħol fuq il-formola għall-programm NWAR. | Tlesta x-xogħol fuq il-formola għall-programm NWAR u beda t-*testing*. | Parteċipanti ta' kull attività ta' "Xalati ta' Kitba" u madwar 400 applikant għall-programm NWAR | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Rifużjoni ta' ħlas żejjed; Simplifikazzjoni fil-proċess ta' kif student jista' jagħmel rifużjoni ta' pagament li jkun tħallas żejjed. Fil-preżent, kull ħlas simili jrid isir direttament fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Beltissebħ. Permezz ta' din il-miżura, studenti se jingħataw il-faċilità li jħallsu wkoll fil-fergħat tal-Maltapost. | Saru taħditiet mal-Maltapost u l-partijiet kollha konċernati, filwaqt li beda x-xogħol biex dan is-servizz jiġi offrut lill-istudenti. | Ġew iffinalizzati d-diskussjonijiet mal-banek ewlenin biex ikun jista' jibda jitħaddem dan is-servizz. | Ġew finalizzati l-aħħar xogħlijiet fuq dan il-proċess u s-servizz ġie mniedi. | | Studenti | Implimentata |
| 25 | Ser tiġi estiża s-sistema onlajn għall-għotjiet ta' manteniment. L-istudent se jkun jista' japplika kemm għall-għotjiet ta' manteniment kif ukoll għall-għotjiet supplimentari onlajn. B'hekk jitnaqqas id-dewmien meta l-istudent ikun qed jissottometti l-applikazzjoni u jitnaqqas l-użu tal-karti. Fil-preżent, dan il-proċess isir b'mod manwali. | Saret ħidma fuq is-sistema l-ġdida u ġiet varata fl-Università ta' Malta. Beda wkoll l-ittestjar ta' din is-sistema biex tiġi implimentata fl-MCAST. | Wara li tlesta l-ittestjar fl-MCAST, sar ix-xogħol neċessarju biex tiġi finalizzata s-sistema. | Ġiet finalizzata s-sistema u tnediet għall-użu tal-istudenti tal-MCAST mis-sena skolastika 2017/2018. | | Madwar 19,000 student | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jiġu reġistrati persuni li jżuru l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Fil-preżent kull viżitatur jiġi reġistrat manwalment fil-*visitors book* u jingħata *visitors tag*. Permezz ta' din is-sistema, kull reġistrazzjoni se ssir b'mod elettroniku. | Ġiet identifikata s-sistema addattata għall-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Beda l-proċess biex din is-sistema tiġi modifikata skont in-neċessitajiet tal-Ministeru. | Filwaqt li kompla x-xogħol ta' modifikazzjoni tas-sistema, ingħata t-taħriġ lill-impjegati konċernati biex ikunu jistgħu jużaw is-sistema bl-aħjar mod possibbli. | Tlesta x-xogħol fuq is-sistema u, wara perjodu ta' prova, bdiet tintuża mill-viżitaturi tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 27 | Introduzzjoni ta' sistema ċentrali ta' komunikazzjoni fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Din is-sistema se tieħu post is-sistema kurrenti frammentata magħmula minn diversi numri tat-telefown u indirizzi elettroniċi. Permezz ta' din il-miżura, il-pubbliku se jingħata aċċess għal sistema waħda integrata ta' komunikazzjoni. | Is-sistema bdiet titħaddem mill-Ministeru ġiet reklamata fil-pubbliku permezz tal-midja soċjali. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 28 | Introduzzjoni ta' sistema onlajn ta' kif uffiċjal pubbliku jirreġistra l-kilometraġġ li jkun għamel waqt il-qadi ta' dmirijietu. B'hekk jiġi eliminat l-użu ta' karti u proċessar ta' pagamenti b'mod manwali. | Beda x-xogħol fuq is-sistema onlajn. | Kompla x-xogħol biex is-sistema tiġi addattata u ttestjata. | Tlesta t-*testing* fuq is-sistema u tnediet fuq bażi ta' proġett pilota. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-proġett pilota u s-sistema ġiet varata onlajn għall-użu tal-uffiċjali pubbliċi. | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru li jagħmlu użu mill-vetturi li huma parti mill-flotta tal-Gvern | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 49 | Isir żvilupp u titjib fis-sistema elettronika tal-Uffiċċju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji biex dan is-sit isir aktar interattiv u jippermetti ħidma aktar effettiva u effiċjenti mal-klijenti ta' dan l-uffiċċju. Dan għandu jwassal biex bosta servizzi li jingħataw minn dan l-uffiċċju jibdew jiġu proċessati onlajn minflok b'mod manwali. | Beda jiġi żviluppat is-sit elettroniku u l-linji gwida dwar is-servizzi offruti. | Tlesta l-iżvilupp tas-sit u beda l-ittestjar tiegħu. | Beda xogħol estensiv ta' *data inputting* fis-sistema l-ġdida u kompla t-*testing*. | Kompla x-xogħol ta' *data inputting* u *testing*. | Organizzazzjonijiet volontarji u l-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 191 | Ser jonqos l-assenteiżmu: (a) minn 7.1%, fl-iskejjel primarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016 għal 6.6% fis-sena skolastika 2016/2017. Dan ifisser 95,776 ġurnata aktar ta' attendenza l-iskola minkejja żieda ta' 696 student ieħor f'dan il-livell tal-edukazzjoni jew żieda ta' numru ta' ġranet ta' attendenza minn 2,010,281 fl-iskejjel primarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016, għal 2,106,057 fis-sena skolastika 2016/2017. | Filwaqt li bdew id-diskussjonijiet mal-imsieħba ta' din il-miżura, bdiet tinġabar l-istatistika relevanti bi preparazzjoni għat-twettiq taż-żewġ partijiet ta' din il-miżura. | Ġiet analizzata l-istatistika miġbura u għaldaqstant ġew proposti linji gwida biex jonqos l-assenteiżmu. Kompla l-monitoraġġ tal-istudenti u saru l-interventi neċessarji b'komunikazzjoni sħiħa mal-Pulizija. | Kompla l-monitoraġġ tal-istudenti u saru l-interventi neċessarji. Inkiteb u ġie ppreżentat rapport dwar ir-riżultati li nkisbu matul is-sena skolastika 2016/2017. L-implimentazzjoni ta' din il-KPI ġiet parti kompluta f'mitt jum kif pjanat. Għaldaqstant, ix-xogħol fuq din il-miżura kompla. | Saru diskussjonijiet mal-partijiet konċernati biex tiġi evalwata l-ħidma li saret u l-isfidi ġodda li qed jiġu affaċċjati. Tħejja pjan t'azzjoni dettaljat dwar kif se jintlaħqu l-miri l-ġodda stabbiliti għal dan is-settur. | L-istudenti kollha fl-edukazzjoni obbligatorja | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (b) minn 12.6%, fl-iskejjel sekondarji tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016 għal 12% fis-sena skolastika 2016/2017. Dan ifisser minn 1,484,045 fl-iskejjel sekondarja tal-Istat, fis-sena skolastika 2015/2016, għal 1,469,786 fis-sena skolastika 2016/2017. F'dan il-livell kien hemm tnaqqis ta' 110 fin-numru ta' studenti reġistrati għas-sena skolastika 2016/2017. | | | | | | |
| 192 | Jinbeda servizz ġdid fil-kulleġġi tal-Istat li permezz tiegħu, sal-aħħar tas-sena 2017, isir titjib fil-kwalità tal-ħajja ta' 700 student b'diffikultà. Matul l-2017 dan is-servizz ser jibda billi jingħata lil tfal bejn it-3 u l-10 snin. Is-servizz ser itejjeb l-esperjenza edukattiva ta' dawn l-istudenti u ser ikun wieħed personalizzat fejn il-bżonnijiet tal-istudent partikolari jibdew jiġu indirizzati b'mod iffukat, speċifiku u ħolistiku. | Inħatar grupp strateġiku u ieħor ta' implimentazzjoni. Beda l-proċess ta' xiri ta' riżorsi, filwaqt li ġew identifikati t-tfal eliġibbli. | Beda t-tqassim tar-riżorsi u għajnuniet lill-istudenti identifikati. | Kompla t-tqassim tar-riżorsi u għajnuniet. Dan is-servizz se jkompli jingħata b'mod kontinwu lill-istudenti li jiġu identifikati bħala eliġibbli għalih. Din il-KPI ġiet implimentata f'mitt jum kif pjanat. | Kompla jingħata dan is-servizz lill-istudenti eliġibbli. | 700 student/a fl-iskejjel tal-Istat, inkluż 120 student/a ta' bejn 3 u 5 snin | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 170 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Bdew diskussjonijiet interni biex jiġu identifikati l-formoli li għandhom jiġu riveduti din is-sena. Dan wassal biex jiġu identifikati l-ewwel 28 formola. | Bdiet ħidma interna biex jiġu simplifikati l-formoli kif ukoll laqgħat mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 12-il formola u sar it-*testing*. Kompliet il-ħidma mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq 15-il formola oħra. Komplew id-diskussjonijiet mal-fornitur dwar l-aħħar formola. B'hekk, għal din is-sena ġew konvertiti 27 formola f'*eforms*. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 183 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (*mservices*) permezz ta' żvilupp ta' siti li huma kompatibbli ma' *devices* elettroniċi, fosthom:<br><br>(a) Is-sit Edu Malta: https://edumalta.gov.mt/en<br>(b) Is-sit Free Childcare: https://freechildcare.gov.mt/applyonline<br>(ċ) Is-sit Student Support Services: https://eduservices.gov.mt/en<br>(d) Is-sit VO Funding: http://vofunding.org.mt/funds<br><br>Dawn is-siti huma aċċessibbli wkoll minn Maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan t'azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti li fuqhom se jsir l-iżvilupp biex isiru kompatibbli ma' *devices* elettroniċi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ. | Tlesta l-iżvilupp u beda t-*testing*. Twaqqfu *focus groups* biex issir evalwazzjoni tas-siti l-ġodda.. | Tlestiet l-evalwazzjoni u s-siti ttellgħu fuq Maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-IMMANIĠJAR TAL-ILMA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Simplifikazzjoni fil-mod kif tintbagħat id-*Daily HR Notification Form*. Din il-formola ser tibda timtela u tintbagħat onlajn lid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi. | Bdew diskussjonijiet interni u laqgħat ma' *stakeholders* involuti biex jiġu stabbiliti l-aħjar attribwiti ta' *Daily HR Notification Form* effiċjenti. | Saret analiżi tas-sistema preżenti. Wara l-analiżi beda x-xogħol fuq id-disinn u l-metodoloġija ġdida proposta. Is-sistema l-ġdida ġiet implimentata permezz ta' *online calendar.* | Is-sistema ġiet konformi wkoll ma' sistemi oħra relatati mal-immaniġġar tar-riżorsi umani biex il-proċess isir wieħed awtomatiku u komplut. | | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 4 | Twaqqif ta' repożitorju ċentrali onlajn li ser jiffaċilita ż-żamma u l-użu ta' dokumenti tad-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru. | Saret analiżi u kejl tad-diversi repożitorji biex jiġu stabbiliti strutturi meħtieġa fil-forma ta' *document libraries* onlajn. Inħolqu *user groups* biex l-uffiċjali jkunu jistgħu jaċċessaw in-*network shares* preżenti kif ukoll il-*web-based document libraries*. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 5 | Introduzzjoni ta' sistema li se tissimplifika l-mod kif jinżamm l-inventarju. Din is-sistema għandha ttejjeb il-viżibilità u l-kontroll tal-inventarju filwaqt li l-proċess jiġi awtomatizzat. | Ġie deċiż li tiġi adottata s-sistema WASP biex tiffaċilita ż-żamma tal-inventarju. Is-sistema ġiet introdotta u bdiet tiġi ppruvata. | Inġabret informazzjoni dwar l-inventarju u bdiet tittella' fuq is-sistema l-ġdida ta' *barcoding*. | Is-sistema l-ġdida bdiet tintuża u titħaddem fil-Ministeru u l-aġenziji li jaqgħu taħtu. | | Impjegati pubbliċi fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet involuti | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Ħidma għal aktar koordinazzjoni bejn l-ARMS, l-Enemalta u l-WSC fuq proġetti tal-ICT. Dan għandu jwassal għal aktar kollaborazzjoni diretta u titjib sostanzjali fis-servizzi tal-entitajiet biex b'hekk tiġi evitata dupplikazzjoni ta' xogħol u l-klijent jinqeda aħjar. | Twaqqaf *focus group* biex iħares l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Saret l-ewwel laqgħa tal-*focus group* fejn ġew diskussi l-prijoritajiet marbutin mas-sistemi tal-informatika tat-tliet entitajiet. Dan wassal għal pjan t'azzjoni koordinat bejn l-entitajiet involuti. | | | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 8 | Introduzzjoni ta' formola ġdida biex kerrej ikun jista' japplika u temporanjament jaqleb il-kont tad-dawl u l-ilma fuq ismu abbażi ta' kuntratt tal-kera. B'hekk, il-kerrej ikollu aċċess għal Tariffi Residenzjali, *Eco Reduction* u anke kopja tal-kont u l-konsum. | Tlestew il-formoli li se jintużaw u f'Marzu l-applikazzjoni saret disponibbli għall-klijenti tal-ARMS. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 9 | Sistema ġdida li permezz tagħha l-*emails* tal-klijenti jiġu riferuti lill-aġenti tal-ARMS b'mod awtomatiku. Din is-sistema ser twassal għal proċedura iktar effiċjenti u ser tkun qed tiffranka l-ħin biex il-klijent jinqeda qabel u b'mod aktar effettiv. | Is-sistema l-ġdida tfasslet u ġiet implimentata fix-xahar ta' Jannar. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Sal-lum il-ġurnata, biex klijent jingħata servizz ġdid tal-ilma u l-elettriku, jeħtieġ japplika għand diversi entitajiet separati. Dan il-proċess se jiġi simplifikat billi tiġi introdotta formola waħda ta' applikazzjoni li ssir għand l-ARMS. | Beda x-xogħol fuq l-abbozzar tal-applikazzjonijiet relatati. Bdew ukoll diskussjonijiet mal-ARMS dwar it-termini tal-*Compliance Certificate* skont dak meħtieġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Bdew diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet mal- Awtorità tal-Ippjanar fuq il-formola li għandha tiġi adottata. | Tfasslet il-formola l-ġdida u bdiet tiġi diskussa mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 189 | Kull applikazzjoni għal servizz ġdid tal-elettriku (*single phase* jew *three phase*), kemm jekk issir minn *business* kif ukoll minn ċittadin, tibda tiġi proċessata u jingħata s-servizz fi żmien massimu ta' tlieta u għoxrin (23) ġurnata dment li ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' żvilupp jew estensjoni tal-infrastruttura eżistenti. Fl-2016 dan il-proċess kien jieħu madwar ħamsin (50) ġurnata. | Saru laqgħat biex jiġu stabbiliti parametri biex dan is-servizz jingħata fi żmien massimu ta' tlieta u għoxrin ġurnata. | Komplew id-diskussjonijiet biex dan il-ftehim jidħol fil-Customer Service Charter tal-Enemalta.<br><br>Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 190 | Tiġi implimentata l-Guaranteed Standards Scheme li permezz tagħha l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma timpenja ruħha li tipprovdi servizz kontinwu lill-klijenti tagħha. F'każ ta' qtugħ tas-servizz, il-Korporazzjoni | Saru diskussjonijiet biex jiġu stabbiliti l-aħjar metodi kif tidħol il-Guaranteed Standards Scheme. | Tfassal dokument mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar it-tħaddim tal-Guaranteed Standards Scheme. Dan id-dokument ġie approvat internament u beda l-proċess biex din is-sistema tiġi inkluża | Il-proċess tal-Guaranteed Standards Scheme ġie inkluż fil-Customer Service Charter. | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | tikkommetti ruħha li tagħti lura s-servizz fi żmien (i) tmienja u erbgħin (48) siegħa f'każ ta' manutenzjoni; u (ii) tnejn u sebgħin (72) siegħa f'każ ta' ħsarat mhux previsti. Fl-eventwalità li dan il-ftehim ma jiġix onorat, il-Korporazzjoni toffri servizz alternattiv ta' ilma lil min jitlobha. Jekk dan ma jingħatax, il-Korporazzjoni tagħti kumpens f'forma ta' kreditu fil-kont. Dan huwa suġġett għal termini u kundizzjonijiet imfassla fl-iskema. | | fil-Customer Service Charter. | | | | |
| 167 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Ġew identifikati 6 formoli għall-konverżjoni f'*eforms* sal-aħħar ta' din is-sena. Beda u tlesta x-xogħol fuq is-6 *eforms*. | Ġew identifikati 3 formoli oħra għall-konverżjoni f'*eforms*. Ix-xogħol fuq dawn it-3 formoli tlesta. | Komplew id-diskussjonijiet dwar is-simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru u ġew identifikati 3 formoli oħra li jistgħu jinqalbu f'*eforms*. | Tlesta x-xogħol fuq l-aħħar 3 formoli u sar it-*testing*. B'hekk, għal din is-sena ġew konvertiti 12-il formola f'*eforms*. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
U L-UGWALJANZA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Simplifikazzjoni fil-proċess tal-għażla għall-applikazzjonijiet sottomessi minn intrapriżi taħt skemi li jaqgħu taħt l-inizjattiva Business Enhance ERDF Grant Scheme. Intrapriżi li l-applikazzjoni tagħhom tkun ikkunsidrata bħala ineliġibbli jkunu mgħarrfa fil-pront bl-eżitu tal-evalwazzjoni. B'hekk ikunu f'pożizzjoni li jieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa bl-inqas impatt fuq in-negozju tagħhom. | Il-proċess simplifikat kif propost ġie approvat mill-bord tal-għażla tal-Business Enhance ERDF Grant Scheme u s-sistema daħlet fis-seħħ.<br><br>Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Applikanti tal-Business Enhance ERDF Grant Scheme | Implimentata |
| 52 | Jiġu ppubblikati numru ta' linji gwida dwar prattiċi tajba ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol biex ikun hemm għarfien akbar dwar protezzjoni aħjar minn riskji varji li wieħed isib fuq il-post tax-xogħol. | Bdew diskussjonijiet interni u ġie identifikat il-bżonn li din is-sena jinħarġu tliet linji gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Saret ir-riċerka fuq l-ewwel abbozz u tħejjiet linja gwida dwar l-użu sigur tal-asbestos. | Ġiet ippubblikata l-linja gwida dwar l-użu sigur tal-asbestos. Bdiet ir-riċerka dwar il-linji gwida rigward id-dmirijiet u l-obbligi tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol kif ukoll l-użu sigur ta' *tail lifts*. | Ġew abbozzati u ppubblikati l-linji gwida dwar l-użu sigur ta' *tail lifts* u d-dmirijiet u l-obbligi tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. B'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | Min iħaddem u l-impjegati kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' dawn is-setturi waqt il-ħidma tagħhom | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | Jiġi simplifikat il-proċess li bih min iħaddem japplika għal permess biex jimpjega persuni taħt is-sittax-il sena. Ser jiġi eliminat l-obbligu li min iħaddem jibgħat *Risk Assessment* komplut mal-formola li trid timtela. Minflok, min iħaddem ser jintalab dikjarazzjoni ffirmata minnu li jkun għamel dan ir-*Risk Assessment*. | Beda u tlesta x-xogħol fuq il-formola biex id-dikjarazzjoni dwar ir-*Risk Assessment* tiġi inkorporata fl-istess formola u b'hekk ma jkunx hemm bżonn li jiġi mehmuż dokument apparti. L-entitajiet ġew infurmati b'din il-bidla u ġiet aġġornata l-informazzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment.<br><br>Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Min iħaddem | Implimentata |
| 54 | It-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet tal-prinċipali huma obbligati bil-liġi li, kull sena, jibagħtu bosta dokumenti lir-Reġistratur tat-*Trade Unions*. Ser tinħoloq sistema elettronika li ser tkun tista' tintuża mit-*trade unions* u mill-assoċjazzjonijiet tal-prinċipali u b'hekk ma jkunx hemm il-ħtieġa li d-dokumenti jittieħdu fiżikament fid-dipartiment. | Saret ħidma fuq l-abbozz tal-formola onlajn biex tintuża minn kull *trade union* u assoċjazzjoni tal-prinċipali biex jibagħtu d-dokumenti tagħhom b'mod elettroniku. | Il-formola tlestiet u ttellgħet onlajn biex b'hekk bdiet tintuża regolarment mit-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet tal-prinċipali. | | | *Trade unions* u assoċjazzjonijiet tal-prinċipali | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | It-tiġdid annwali tal-liċenzja biex topera aġenzija tal-impjieg isir onlajn. | Saru laqgħat mal-aġenziji tal-impjieg u ngħata bidu għax-xogħol fuq id-disinn u l-kontenut tal-*eform*. | Kompla x-xogħol tat-tħejjija tad-disinn u l-abbozz tal-*eform*. | Tlesta x-xogħol fuq id-disinn u t-tfassil tal-*eform*. Tlesta l-iżvilupp tal-*eform* u beda t-*testing*. | Kompla x-xogħol ta' *testing* mid-DIER u bdiet ħidma fuq l-emendi meħtieġa. | Aġenziji tal-impjieg u impjegati tad-DIER involuti fl-amministrazzjoni ta' tiġdid, verifiki u pproċessar ta' pagamenti | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 56 | Isir titjib fis-sistema elettronika li tiffaċilita l-ħidma tal-ispetturi tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u tiddaħħal aktar effiċjenza fil-kalkolu tal-użu tal-*fuel* waqt spezzjonijiet mill-*inspectors* tal-EIRA. Sal-lum dan il-proċess isir manwalment. | Saru konsultazzjonijiet bejn il-fornitur tas-sistema, id-Dipartiment u l-MITA biex jitħejja pjan ta' kif ser tkun implimentata din il-miżura. | Il-fornitur beda u lesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema u beda t-*testing*. | Kompla t-*testing* fuq is-sistema l-ġdida. Ġew identifikati u tlestew numru ta' emendi b'riżultat tat-*testing* li sar. | Bdiet ħidma biex is-sistema l-ġdida tiġi integrata mas-sistema tad-Dipartiment ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. | L-uffiċjali fi ħdan id-Dipartiment li jwettqu spezzjonijiet | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 57 | Issir id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-*Termination Claim* li permezz tagħha l-klijenti tad-Dipartiment għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jkunu jistgħu jinqdew aktar malajr meta jiftħu *claim* mal-istess dipartiment meta dawn ikun intemmilhom l-impjieg. | Sar eżerċizzju intern biex tinġabar l-informazzjoni marbuta mal-ipproċessar tat-*Termination Claim.* Ir-rekwiżiti kollha ntbagħtu lill-fornitur tas-sistema. | Inbeda u tkompla x-xogħol biex tiġi implimentata din il-faċilità fuq is-sistema. Saru wkoll laqgħat mal-fornitur biex jiġu ċċarati xi diffikultajiet li ltaqa' magħhom waqt l-iżvilupp tas-sistema. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u beda t-*testing.* | Tlesta t-*testing* u bdiet ħidma biex il-proċess jiġi integrat mas-sistema tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. | Il-klijenti u l-impjegati fi ħdan id-Dipartiment | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 168 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Bdiet ħidma biex jiġu identifikati l-formoli għall-konverżjoni f'*eforms* sal-aħħar tas-sena. | Ġew identifikati 5 formoli għall-konverżjoni f'*eforms* u bdiet ħidma dwar il-preparamenti għall-implimentazzjoni, fosthom it-taħriġ lill-uffiċjali involuti. | Kompla x-xogħol fuq is-simplifikazzjoni tal-formoli flimkien ma' laqgħat mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq il-konverżjoni ta' 5 formoli f'*eforms*. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI


DWANA
DWANA
MAERSK
CMA CGM
seaco
TRITON
210
45

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Sal-lum rifużjonijiet joħorġu b'ċekk li jintbagħat bil-posta. Ser ikun possibbli li l-ħlas tar-rifużjonijiet isir bi kreditu dirett fil-kont tal-bank tat-*taxpayer*. | Saru diskussjonijiet interni dwar il-bidliet li hemm bżonn. Tlestiet il-formola li permezz tagħha l-kumpaniji jkunu jistgħu japplikaw biex rifużjonijiet tat-taxxa jitħallsu permezz tas-SEPA bi kreditu dirett. | Beda x-xogħol u tlesta s-*software* li ser jipproċessa l-applikazzjonijiet tal-kumpaniji li jitolbu li jitħallsu bi kreditu dirett fil-kont bankarju. Ġie deċiż li meta jibdew joħorġu r-rifużjonijiet tas-sena 2016, għall-ħabta ta' Novembru tintbagħat ittra bi struzzjonijiet dwar kif wieħed jista' jagħmel biex jibda jirċievi r-rifużjoni bi kreditu dirett fil-kont tal-bank. | F'Settembru nħareġ l-ewwel *batch* ta' rifużjonijiet bi kreditu dirett permezz tas-SEPA. Intbagħtu wkoll notifiki lil numru ta' persuni oħra biex ikunu jistgħu jipprovdu d-dettalji tal-kontijiet bankarji tagħhom ħalli jkunu jistgħu jirċievu r-rifużjoni. | F'Ottubru ħareġ it-tieni *batch* ta' rifużjonijiet bi kreditu dirett permezz tas-SEPA u b'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 82 | Insaħħu s-servizzi onlajn fosthom li *taxpayer* ikun jista' jara l-kont tat-taxxa u l-bilanċi onlajn. B'hekk ikun beda jsir konsolidament tas-servizzi onlajn, liema servizzi jibdew jiżdiedu kull sena. | Beda x-xogħol fuq is-sistema tal-informatika u fuq l-*Identity Server* biex ikun jista' jintuża mis-sistema għall-awtentikazzjoni. Tlestiet ukoll l-analiżi tas-sistema. | Tlesta t-tibdil fis-sistema tal-informatika biex tintbagħat *email* lit-*taxpayers* ħalli jkunu infurmati dwar kif jistgħu jaraw il-kontijiet tat-taxxa onlajn. | Tkompla x-xogħol bi tħejjija biex jintbagħtu n-notifiki permezz tal-*email*. | In-notifiki lit-*taxpayers* inħarġu b'*email* f'Ottubru fejn ġie spjegat lit-*taxpayers* kif jistgħu jaraw il-kontijiet tat-taxxa tagħhom onlajn. Is-sistema bdiet titħaddem. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Implimentazzjoni ta' sistema awtomatika ta' ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-Gvern. Dan għandu jnaqqas it-tul li jieħu l-proċess apparti li jnaqqas iċ-ċans li jsiru żbalji u jagħti lok li d-*data* tinżamm f'*database* li b'hekk jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet. Is-sistema għandha ġġib ukoll aktar konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-Gvern. | Beda u ġie ffinalizzat l-ittestjar fuq is-sistema. | Saru laqgħat mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol biex din is-sistema tibda tintuża bħala proġett pilota flimkien mal-Ministeru għall-Finanzi. Ġie maqbul li jsiru sessjonijiet ta' taħriġ lill-impjegati konċernati li jamministraw l-ivvjaġġar fl-imsemmija Ministeri. | Is-sistema bdiet titħaddem fil-Ministeru għall-Finanzi u fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Bdew il-preparamenti biex is-sistema tibda tintuża f'aktar Ministeri. | Is-sistema bdiet tintuża fil-Ministeru għat-Turiżmu u fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. Kompliet il-ħidma biex din is-sistema tkompli tinfirex f'Ministeri oħra filwaqt li l-Ministeru għall-Finanzi jibda jservi ta' *help desk* għall-Ministeri involuti. | Uffiċjali pubbliċi inkarigati mill-ivvjaġġar | L-implimen-tazzjoni ta din il-miżura hija kontinwa |
| 84 | Jiġu introdotti aktar linji gwida (*policy notes*) li jakkumpanjaw ir-regolamenti l-ġodda tax-xiri pubbliku, biex b'hekk jissimplifikaw u jiċċaraw l-interpretazzjoni u l-ftehim tal-istess regolamenti. Permezz ta' dan, wieħed ikun jista' jifhem b'mod aktar ċar u dirett partijiet tar-regolamenti li jistgħu jħallu spazju għall-interpretazzjoni. | Beda xogħol ta' tfassil u ġew ippubblikati l-ewwel tliet linji gwida li jkopru proċeduri dwar it-*Technical Offer and Literature,* il-*Clarifications at Evaluation Stage* u l-*Ministerial Procurement Unit.* Id-Dipartiment tal-Kuntratti kompla x-xogħol fuq it-tħejjija u l-kumpilazzjoni ta' aktar linji gwida biex ikunu jistgħu jiġu ppubblikati fix-xhur li ġejjin. | F'dan il-kwart inħarġu erba' linji gwida ġodda li jkopru x-xiri pubbliku tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi, ix-xiri pubbliku li jinħareġ permezz ta' sejħiet għal kwotazzjonijiet għall-offerti, emenda tal-linji gwida dwar il-*Ministerial Procurement Unit* u linji gwida dwar il-*Preliminary Market Consultation*. | Ġiet ippubblikata linja gwida dwar il-*Framework Agreements* filwaqt li bdiet ħidma dwar il-konsolidament ta' sitt linji gwida oħra. | Id-Dipartiment ippubblika sitt linja gwida oħra kif pjanat, li jkopru t-tħaddim ta' garanziji, il-*Clarifications at tendering stage*, l-użu tal-*Best Price Quality Ratio Criteria*, id-*Dynamic Purchasing System, il-Modification u l-Abnormally Low Tenders.* | Awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi kollha | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 174 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Bdiet ħidma biex jiġu identifikati l-formoli li se jkunu qed jiġu konvertiti f'*eforms* sal-aħħar tas-sena. | Ġew identifikati l-formoli kollha li kienu għadhom f'format PDF u ġie maqbul li għal din is-sena jiġu konvertiti 14-il formola. | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 6 formoli u bdiet ħidma biex jiġu konvertiti 4 formoli oħra fuq l-14 identifikati fit-tieni kwart tas-sena. | Tlesta x-xogħol fuq 7 formoli oħra, inkluż l-4 formoli addizzjonali. Komplew il-laqgħat mal-fornitur biex tiġi konvertita l-aħħar formola f'*eform* pjanata għal din is-sena. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 151 | Jingħata aċċess għall-informazzjoni lill-Pulizija biex tikseb informazzjoni dwar kundizzjonijiet marbuta ma' liċenzji ta' operazzjonijiet turistiċi. Fil-preżent din l-informazzjoni tinżamm biss għand l-Awtorità għat-Turiżmu. Bis-saħħa ta' din il-miżura se jiġi ffrankat il-ħin fil-qadi tad-dmirijiet kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Awtorità. | Saru laqgħat li permezz tagħhom ġie determinat liema entitajiet ser ikollhom aċċess għal din l-informazzjoni.<br><br>Beda x-xogħol fuq l-aġġornament tal-*licence management system software* li ser jintuża għall-iskop ta' din il-miżura. | Tkompla x-xogħol fuq l-aġġornament tal-*licence management system software.* | Tkompla x-xogħol fuq l-aġġornament tal-*licence management system software.* | Ġie konkluż ix-xogħol fuq l-aġġornament tal-*licence management system software*. Tħejja abbozz tal-Memorandum of Understanding bejn l-Awtorità għat-Turiżmu u l-Korp tal-Pulizija li se jwassal għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Il-Korp tal-Pulizija | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 152 | Simplifikazzjoni fil-mod kif stabbiliment tal-ikel se jibda jingħata ċ-ċertifikati meħtieġa mill-Awtorità tat-Turiżmu qabel issirlu l-ispezzjoni. Din il-ħidma ser issir b'koordinazzjoni mal-Business Inspections Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | Wara qbil li ntlaħaq bejn l-Awtorità għat-Turiżmu u d-Dipartiment tas-Saħħa, il-klijent beda jagħmel kuntatt dirett mad-Dipartiment tas-Saħħa biex issirlu l-ispezzjoni, mingħajr ma joqgħod jistenna lill-Awtorità biex tinforma lid-Dipartiment tas-Saħħa bi bżonn għall-ispezzjoni. B'dan il-mod, beda jiġi ffrankat il-ħin u nqatgħet il-burokrazija żejda. | | | | Kull stabbiliment ġdid tal-ikel f'Malta u Għawdex | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms.* | Bdiet ħidma biex jiġu identifikati l-formoli li se jkunu qed jiġu simplifikati u konvertiti f'*eforms* din is-sena. | Intgħażlu l-ewwel 16-il formola u bdew il-laqgħat ċmal-fornitur. | Kompla x-xogħol fuq il-konverżjoni tal-formoli f'*eforms* u beda x-xogħol ta' *testing.* | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 16-il formola pjanati li jiġu konvertiti f'*eforms* għal din is-sena. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI


IVECO
GVH 348

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 95 | Tinħoloq sistema ta' reġistrazzjoni tal-viżitaturi li jżuru lill-ħabsin (*Visitor's Register System*). B'hekk jitneħħa l-użu tas-sistema manwali u jitnaqqas il-ħin ta' stennija u l-kju. Sal-lum is-sistema hija waħda manwali fejn id-dettalji jinkitbu minn uffiċjal u jinżammu fil-*files*. | Tkompliet il-ħidma biex titfassal is-sistema u jinxtara l-apparat meħtieġ. Ingħata taħriġ lill-uffiċjali tal-faċilità u l-viżitaturi bdew jiġu skedati. | Aktar uffiċjali ngħataw taħriġ fuq kif titħaddem is-sistema. | Ġiet installata s-sistema u bdiet titħaddem. B'hekk, din il-miżura ġiet implimentata. | | Il-viżitaturi tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Implimentata |
| 96 | Tiġi estiża s-sistema tal-kondotti onlajn għal talbiet li jsiru minn persuni li jinsabu barra minn Malta. Bħalissa biex persuna li tkun barra minn xtutna tinqeda, tkun trid jew tattendi personalment jew tagħti forma ta' prokura lil terzi, apparti dokumenti oħra. | Bdew numru ta' laqgħat mal-Pulizija biex jiġu identifikati r-rekwiżiti ta' kif tista' tinbena din is-soluzzjoni. Ġie diskuss l-operat amministrattiv ħalli tkun tista' tistfassal il-parti teknika. | Komplew id-diskussjonijiet bejn l-entitajiet involuti u ġie stabbilit qbil dwar ix-xogħol meħtieġ. | Beda x-xogħol tekniku fuq l-emendi fis-sistema filwaqt li komplew id-diskussjonijiet bejn l-entitajiet involuti. | Kompla x-xogħol fuq is-sistema u beda l-ittestjar finali. | Persuni li jgħixu barra minn Malta | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 97 | Tiġi estiża s-sistema ta' rappurtaġġ ta' inċidenti għall-Protezzjoni Ċivili biex jibdew jiġu reġistrati l-inċidenti kollha li attendew għalihom l-uffiċjali tal-Protezzjoni Civili. Sal-lum is-sistema użata hija waħda manwali u d-dokumenti huma miżmuma f'*files.* | Saru laqgħat bejn uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili u persuni tekniċi oħra involuti fl-iżvilupp ta' din is-sistema.<br><br>Is-sistema nkitbet u bdiet titħaddem mill-membri kollha tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | | | | L-uffiċjali kollha tal-Protezzjoni Ċivili | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 177 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Ġew identifikati 3 formoli fi ħdan il-Ministeru li jistgħu jinqalbu f'*eforms*. | Bdew laqgħat mal-MITA dwar il-proċess ta' konverżjoni u laqgħat mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' 3 *eforms* u sar it-*testing*. B'hekk il-formoli huma aċċessibbli mill-pubbliku f'verżjoni *eform*. | | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 | Titjib fil-mod kif iċ-ċedoli ta' depożitu fil-Qrati jiġu reġistrati. Fil-preżent dawn jiġu reġistrati fuq bażi ta' isem. Dan qed joħloq inkonvenjent għall-avukati u l-operat fil-Qorti. Għalhekk, permezz ta' din il-miżura, iċ-ċedoli se jibdew jiġu reġistrati wkoll bin-numru tal-karta tal-identità tal-persuna u jintbagħtu b'*email* lill-avukati awtomatikament. | Saru laqgħat interni flimkien mal-MITA biex jiġu identifikati l-*enhancements* li hemm bżonn fis-sistema. Sar it-*testing* u ġew implimentati l-aħħar żviluppi fis-sistema. | | | | Il-pubbliku, inkluż 300 operatur | Implimentata |
| 118 | Tibdil fil-mod kif jiġu reġistrati s-subbasti. Minn proċedura bbażata fuq l-isem għal waħda mibnija fuq il-karti tal-identità tal-persuni. Dan it-tibdil se jnaqqas il-ħin tal-ipproċessar u t-tiftix kemm mill-avukati u l-Qorti inġenerali. | Saru laqgħat interni flimkien mal-komunità legali u l-MITA biex jiġu identifikati l-*enhancements* li hemm bżonn isiru biex titjieb il-funzjoni tat-tfittxija u r-reġistrazzjoni fis-sistema. | Saru l-*enhancements* u tlesta t-*testing* meħtieġ. B'hekk ir-riċerka u l-ipproċessar tas-subbasti ħfiefu. | | | Il-pubbliku, inkluż 300 operatur | Implimentata |
| 119 | Tiġi żviluppata l-infrastruttura neċessarja biex il-Kontijiet tar-Reġistru li jiġu ntaxxati fl-aħħar ta' kull kawża jkunu jistgħu jitħallsu onlajn mingħajr il-bżonn li persuna jkollha tmur il-Qorti biex tagħmel dan il-ħlas. | Saru laqgħat interni mal-MITA fir-rigward tat-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew il-laqgħat mal-MITA dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa. | Beda u tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema u sar it-*testing.* | Rappreżentanti tal-MITA bdew ix-xogħol tat-trasferiment tad-*data* minn *server* għal ieħor. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Introduzzjoni ta' reġistru onlajn li permezz tiegħu l-professjonisti legali jkunu jistgħu jiċċekkjaw il-lista ta' persuni interdettati mingħajr il-ħtieġa li jiksbu din l-informazzjoni personalment mir-Reġistru tal-Qorti Ċivili. | Saru diversi laqgħat mal-MITA biex jiġi żviluppat reġistru elettroniku ta' persuni interdettati u inabilitati. | Ġie deċiż li r-reġistru jkun magħmul minn tliet listi separati u bdiet tinġabar l-informazzjoni. Beda x-xogħol min-naħa tal-MITA fuq l-iżvilupp tar-reġistru elettroniku. | Saru laqgħat mal-MITA flimkien mal-uffiċjali li se jagħmlu użu mir-reġistru elettroniku dwar il-kontenut tal-programm. Intlaqgħu s-suġġerimenti mill-ħaddiema u saru l-emendi. | L-informazzjoni relatata ma' persuni interdettati u dawk inabilitati ddaħħlet fis-sistema u r-reġistru ġie varat onlajn. | Madwar 1,000 operatur | Implimentata |
| 164 | L-appelli mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Għawdex) se jibdew ikunu jistgħu jiġu ppreżentati f'Malta. Dan se jelimina l-ħtieġa li avukati jkollhom imorru Għawdex biex jagħmlu dan fi żmien tnax-il ġurnata mid-data tas-sentenza. | Sar studju biex jiġi identifikat l-aħjar mod kif isir it-tibdil fil-liġi applikabbli u ntbagħtu l-proposti lill-Avukat Ġenerali biex ikunu jistgħu jibdew il-preparamenti għat-tibdil meħtieġ fil-Kodiċi Kriminali. | L-emenda meħtieġa fil-Kodiċi Kriminali ġiet diskussa internament. Bdew il-preparamenti biex din l-emenda legali tiġi diskussa f'laqgħa mal-Kamra tal-Avukati. | Saret laqgħa mal-Kamra tal-Avukati u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u beda x-xogħol fuq l-emendi legali. | Ingħatat sentenza fil-Qorti tal-Appell fejn ġie dikjarat li r-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali ta' Malta hu kompetenti li jirċievi kull att ġudizzjarju. Għaldaqstant l-appelli mogħtija mill-Qorti ta' Għawdex bdew jiġu aċċettati mill-Qrati ta' Malta. | Persuni li jridu jappellaw minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'Għawdex | Implimentata |
| 165 | Se jingħata aċċess lill-Uffiċċju tal-Kondotti biex ikun jista' jivverifika jekk persuna jkollhiex multi mhux imħallsa pendenti. Fil-preżent dan jista' jiġi aċċessat biss mill-Qorti. Dan se jwassal għal inqas ħin fl-ipproċessar tal-kondotti. | Saru laqgħat interni mal-Pulizija u l-MITA dwar tibdil fis-sistema biex jingħata aċċess lill-Uffiċċju tal-Kondotti. | Beda u tlesta l-iżvilupp fuq is-sistema. L-Uffiċċju tal-Kondotti ngħata aċċess għas-sistema f'Mejju. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 157 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jinżammu *files* tal-Qorti, minn sistema manwali għal waħda elettronika. | Ġie identifikat il-proċess ta' kif id-dokumentazzjoni tal-Qorti tibda tinżamm f'format elettroniku. Bdiet u tlestiet il-ħidma biex dokumentazzjoni dwar kawżi tal-VAT fil-Qorti ta' Għawdex tiġi proċessata b'mod elettroniku. | Bdiet ħidma fuq l-iskennjar u d-diġitalizzazzjoni tal-volumi li jinsabu depożitati fl-Arkivju tal-Qorti ta' Għawdex. Din l-inizjattiva tinvolvi l-iskennjar tal-kawżi ċivili li jkunu terminati. | Kompla x-xogħol fuq l-iskennjar ta' volumi mill-Arkivju tal-Qorti ta' Għawdex. | Inxtraw *scanners* speċifiċi biex jinżammu għal xogħol ta' skennjar relatat mal-Qorti ta' Għawdex biex il-*files* ikunu jistgħu jibdew jinżammu b'mod elettroniku. | Il-pubbliku u l-impjegati tal-Qorti | Implimentata |
| 162 | Fil-preżent il-lista ta' kuntratti ppubblikati min-nutara tinżamm f'diversi volumi b'mod manwali. Dawn il-listi se jsiru aċċessibbli onlajn biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa li persuna jkollha żżur l-Arkivji biex tivverifika l-pubblikazzjoni. | Beda u tlesta x-xogħol fuq il-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa bi preparazzjoni li din titqiegħed onlajn. Beda x-xogħol fuq id-disinn tas-sit tal-Arkivju Nutarili. | Kompliet il-ħidma fuq is-sit tal-Arkivju Nutarili. | Ġiet żvilupata s-sistema u l-kuntratti ttellgħu onlajn. | | Il-pubbliku, inkluż nutara u avukati | Implimentata |
| 58 | Introduzzjoni ta' sistema simplifikata ta' ħlas mill-kumpaniji lill-Awtorità dwar il-Mediċini permezz ta' servizz finanzjarju onlajn. Sal-lum, il-miżati jitħallsu permezz ta' trasferiment bankarju u ma jiġux reġistrati direttament fis-sistemi tal-Awtorità. | Saru laqgħat ma' bank lokali, il-MITA u numru ta' entitajiet dwar ir-rekwiżiti mitluba biex tiġi introdotta sistema ġdida ta' ħlas. | Bdew il-preparamenti għall-ftuħ ta' kont fil-bank bi tħejjija għall-introduzzjoni ta' sistema onlajn. | Komplew diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-bank dwar il-proċeduri applikabbli għat-tnedija ta' ħlas onlajn. | Infetaħ kont il-bank u ġew stabbiliti l-proċeduri applikabbli. B'hekk, l-Awtorità bdiet taċċetta miżati permezz ta' servizz finanzjarju onlajn. | Klijenti tal-Awtorità dwar il-Mediċini | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Tiġi estiża l-*Licensing Management Solution* għall-ispettorat u l-attivitajiet farmaċewtiċi. Dan wara li l-ħidma fl-2016 tat prijorità lill-prodotti mediċinali. Din il-miżura għandha twassal għal operat aktar effettiv u effiċjenti fl-Awtorità. | | | Bdew diskussjonijiet interni b'kollaborazzjoni ma' aġenzija Irlandiża biex jitħejja pjan dwar kif din is-sistema tista' tiġi estiża. | Saret *study visit* fl-aġenzija Irlandiża biex ikomplu d-diskussjonijiet dwar it-tħaddim ta' din is-sistema. | 2000 spiżjar u industrija | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 61 | Simplifikazzjoni fil-mod kif is-sistema ta' penali tiġi interpretata u applikata. | Tlestew ir-reviżjonijiet fil-liġi li tikkonċerna s-sistema ta' penali flimkien ma' *memo* għall-approvazzjoni meħtieġa. | Tlesta wkoll l-*impact assessment* u l-ewwel abbozz tal-liġi fuq is-sistema ta' penali. | Komplew diskussjonijiet interni dwar kif is-sistema ta' penali se tkun tista' tiġi interpretata u applikata. | Saru l-preparamenti neċessarji biex l-abbozz legali jitressaq għall-approvazzjoni meħtieġa. | 700 (stima ta' *stakeholders* diretti) | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 63 | Tnedija ta' pjattaforma fuq is-sit tal-Awtorità dwar il-Mediċini li tinkludi lista komprensiva tal-ispiżeriji kollha f'Malta. B'hekk il-konsumatur ikollu aktar informazzjoni aċċessibbli dwar l-eqreb spiżerija. | Saru laqgħat mal-Awtorità għall-Ippjanar u ntlaħaq ftehim biex tintuża l-pjattaforma virtwali tal-istess Awtorità biex il-pubbliku jingħata aċċess għal mapep li jindikaw il-lokalità tal-ispiżeriji kollha f'Malta. | Kompliet il-ħidma biex il-pjattaforma tiġi integrata fis-sit elettroniku tal-Awtorità għall-Ippjanar. | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità għall-Ippjanar dwar l-użu tal-pjattaforma virtwali tagħhom filwaqt li beda x-xogħol fuq it-tħejjija ta' *Memorandum of Understanding* bejn iż-żewġ partijiet. | Il-*Memorandum of Understanding* bejn l-Awtorità dwar il-Mediċini u l-Awtorità għall-Ippjanar ġie konkluż u ffirmat. Tnediet il-pjattaforma u b'hekk il-konsumatur ingħata viżibilità dwar il-lista ta' spiżeriji fil-konfini tiegħu. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | Tiġi introdotta sistema aktar effiċjenti għas-Sorveljanza tas-Suq. Sal-lum, dan il-proċess isir b'mod manwali u jitlob li t-tali informazzjoni miġbura tiġi rreġistrata f'*database*. Bl-użu ta' *mobile data capturing equipment* il-proċess jiġi faċilitat, jiġu evitati żbalji tipografiċi, tiżdied l-effiċjenza, kif ukoll tkun tista' tinġabar evidenza fotografika. Dan għandu jwassal għal ħidma aħjar mill-Awtorità u aktar effiċjenza għall-konsumatur. | Saru laqgħat dwar x'tip ta' informazzjoni hija meħtieġa mill-ispettorat fi ħdan l-Awtorità. Bdiet ħidma dwar l-identifikazzjoni tas-*software* u l-apparat meħtieġ. | Bdiet u tlestiet l-analiżi għall-aħjar apparat fis-suq ta' *mobile data capturing*. Kompliet il-ħidma fuq is-sistema tas-*software* li għandha tintuża biex id-dokumenti tal-ispezzjonijiet jibdew jimtlew onlajn. | Saru laqgħat interni mal-Awtorità tal-Konsumatur dwar it-tip ta' *software* identifikat għal waqt l-ispezzjonijiet. | Kompla x-xogħol fuq l-analiżi tas-*software* u d-dettalji li l-ispettorati se jimlew onlajn. | Konsumaturi u negozjanti | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 66 | Jingħata aċċess onlajn għad-deċiżjonijiet li jingħataw mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. B'hekk ikun hemm aktar viżibilità tas-sentenzi mogħtija mit-Tribunal. Preżentement wieħed ma jistax jikseb dawn is-sentenzi sakemm il-persuna ma tkunx fiżikament preżenti għas-seduta l-MCCAA. | Saru laqgħat interni dwar it-tħaddim tas-sistema onlajn biex jiġi faċilitat l-aċċess għad-deċiżjonijiet mit-Tribunal. | Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' sit ġdid mal-fornitur. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema filwaqt li bdew diskussjonijiet mal-fornitur dwar it-tħaddim tagħha. Saru diversi laqgħat mal-fornitur biex tiġi stabbilita l-ordni kif se jinbeda u jitlesta x-xogħol. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 | Id-Direttorat fi ħdan l-Awtorità responsabbli mill-affarijiet tal-konsumatur jirrevedi l-proċess tal-ilmenti. Jibda jkun hemm żmien definit minn meta jiġi reġistrat l-ilment quddiem l-Awtorità sal-mument li jew tingħata soluzzjoni jew jiġi referut quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur. Dan il-proċess jibda jtul mhux aktar minn ħmistax (15)-il ġurnata ta' xogħol (sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor). B'dan il-proċess il-ġdid il-konsumaturi tingħatalhom soluzzjoni aktar malajr. | Saret analiżi tal-proċess applikabbli mid-Direttorat fi ħdan l-Awtorità biex jipproċessa l-ilmenti. Tfassal pjan ta' azzjoni dwar kif għandu jitjieb il-proċess. | Saret laqgħa mal-Management Efficiency Unit u ġew affettwati r-reviżjonijiet fl-ipproċessar tal-ilmenti. Beda proġett pilota li qed iwassal biex konsumaturi jingħataw soluzzjoni effiċjenti fi żmien stipulat. | | | Konsumaturi u negozjanti | Implimentata |
| 196 | Titwaqqaf il-Qorti Kummercjali. | Tnediet KPI biex titwaqqaf Qorti Kummerċjali li fiha jibdew jinstemgħu kawżi relatati mal-Att tal-Kumpanija fil-Prim'Awla tal-Qorti Sezzjoni Kummerċ u tkun preseduta minn Imħallef. Bdew diskussjonijiet ma' diversi *stakeholders*, fosthom il-ġudikatura, biex jitfassal abbozz li jistabbilixxi din il-Qorti. | Wara diskussjonijiet ma' diversi *stakeholders,* tfassal l-ewwel abbozz u ġie ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Kabinett. F'Ġunju l-abbozz tqiegħed għall-konsultazzjoni pubblika. Il-kummenti mibgħuta ġew evalwati. Kompliet il-ħidma fuq il-pjattaforma tas-sistema tal-informatika u l-*eform*. | Tkompla x-xogħol fuq il-pjattaforma tas-sistema tal-informatika u l-iżvilupp tal-*eform*. | Tlesta x-xogħol fuq il-pjattaforma elettronika. B'hekk, l-applikazzjonijiet li se jitressqu quddiem il-Qorti tal-Kummerċ kif ukoll ħlasijiet ikunu jistgħu jibdew isiru b'mod elettroniku.<br><br>Saru l-ewwel u t-tieni qari fil-Parlament tal-abbozz tal-liġi. Kompla x-xogħol Parlamentari fuq dan l-abbozz. | Kumpaniji li jersqu lejn il-Qorti fuq kawżi relatati mal-Att tal-Kumpanija | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Saru wkoll diskussjonijiet mal-MITA biex tinħoloq pjattaforma fis-sistema tal-informatika tal-Qorti li permezz tagħha l-applikazzjonijiet u l-pagamenti jibdew isiru b'mod elettroniku permezz ta' *eform*. | | | | | |
| 197 | Issir sistema onlajn aktar effiċjenti biex l-emendi li jkunu saru għal-liġijiet mill-1980 sal-lum ikunu aċċessibbli bil-ħolqien ta' *hyperlinks*. L-ewwel liġijiet li jitlestew huma l-Kodiċi Kriminali (Kap 9), il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap 10) u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12). | Bdiet ħidma fuq pjan t'azzjoni mal-i*stakeholder*s konċernati għall-iżvilupp ta' *hyperlinks*. | Bdiet ħidma fuq l-iskennjar tal-liġijiet għal format diġitali mis-sena 1980 sal-lum. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir b'kollaborazzjoni mal-istudenti tal-ICT permezz tal-iStudent Placement Progamme. Inxtraw il-kompjuters u s-*software* u nġabret il-*meta data*. | Tlesta x-xogħol tal-iskennjar tal-liġijiet imsemmija u nqalbu f'format diġitali. Is-sistema ġiet varata onlajn u hija aċċessibbli għall-pubbliku. | | Professjonisti legali u l-pubbliku ġenerali | Implimentata |
| 176 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Bdew diskussjonijiet interni flimkien mar-Reġistru Pubbliku u dipartimenti oħra biex jiġu identifikati l-formoli li se jiġu konvertiti f'*eforms* din is-sena. | Ġew identifikati 8 formoli. Beda x-xogħol relatat mas-simplifikazzjoni tal-formoli flimkien ma' laqgħat mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 3 formoli u sar it-*testing*. Komplew il-laqgħat mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq 3 formoli oħra. B'hekk, in-numru ta' formoli konvertiti f'*eforms* din is-sena huwa 6. Komplew il-laqgħat mal-fornitur biex jinqalbu 2 formoli pendenti għal din is-sena. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 185 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (*mservices*) permezz ta' żvilupp ta' siti li huma kompatibbli ma' *devices* elettroniċi, fosthom is-sit eCourts: https://ecourts.gov.mt/<br><br>Dan is-sit huwa aċċessibbli wkoll minn Maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan t'azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġie identifikat is-sit biex jinqaleb f'format kompatibbli ma' *devices* elettroniċi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders* involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ. | Tlesta l-iżvilupp u beda t-*testing*. Twaqqaf *focus group* biex issir evalwazzjoni tas-sit il-ġdid. | Tlestiet l-evalwazzjoni u s-sit ittella' fuq Maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP
SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 100 | Simplifikazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-inbid preżentata mill-bdiewa. Sal-lum, għal kull dikjarazzjoni, persuna jkollha tipprovdi l-informazzjoni mill-ġdid daqslikieku qed tapplika għall-ewwel darba. Din l-informazzjoni se tiġi abbinata mal-applikant u se tibda tiġi reġistrata b'mod awtomatiku. | Bdiet tinġabar u tiġi rreġistrata l-informazzjoni f'sistema kompjuterizzata, inkluż informazzjoni personali u ġenerika, waqt il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-bdiewa li jkabbru d-dwieli biex b'hekk eventwalment tkun tista' tinħarġilhom dikjarazzjoni tal-ħsad. Din biex ma terġax tintalab kull darba li jkun hemm bżonnha fil-futur. | Ġiet konkluża l-ewwel fażi ta' ġbir ta' informazzjoni. | It-tieni fażi ta' ġbir ta' informazzjoni ġiet konkluża u bdiet tiġi proċessata. | Ġiet proċessata l-informazzjoni miġbura waqt it-tieni fażi tal-proċess. B'hekk, l-informazzjoni marbuta mal-applikant se tibda tiġi amministrata b'mod awtomatiku. | Madwar 1,500 persuna li għandhom id-dwieli | Implimentata |
| 101 | Simplifikazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-ħsad taż-żebbuġ. Sal-lum, għal kull dikjarazzjoni, persuna jkollha tipprovdi l-informazzjoni mill-ġdid daqslikieku qed tapplika għall-ewwel darba. Din l-informazzjoni se tiġi abbinata mal-applikant u se tibda tiġi reġistrata b'mod awtomatiku. | Bdiet tinġabar u tiġi rreġistrata informazzjoni neċessarja f'sistema kompjuterizzata, inkluż informazzjoni personali u ġenerika, waqt il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-bdiewa li jkabbru ż-żebbuġ biex b'hekk eventwalment tkun tista' tinħarġilhom dikjarazzjoni tal-ħsad. Din biex ma terġax tintalab kull darba li jkun hemm bżonnha fil-futur. | Ir-reġistrazzjoni ta' dawk il-bdiewa li għandhom is-siġar taż-żebbuġ ġiet konkluża, u l-informazzjoni personali u ġenerika issa qiegħda kollha fis-sistema u tista' tibqa' tintuża meta jkun hemm l-istaġun taż-żebbuġ. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Bdiewa u persuni reġistrati oħra li għandhom is-siġar taż-żebbuġ | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 102 | Eżenzjoni minn ċerti obbligi u kontrolli lil dawk il-bdiewa li jkabbru prodotti organiċi u li jkun fihom livell minimu ta' nitrati skont il-liġi applikabbli. Din l-eżenzjoni se tgħin lill-bdiewa fl-operat tagħhom. | Saru diskussjonijiet bejn diversi entitajiet konċernti biex jiġu stabbiliti emendi fil-liġi biex bidwi li jkollu prodott organiku b'livell minimu ta' nitrati jkun eżentat minn ċerti kontrolli u obbligi, inkluż milli jkollu jagħmel pjan ta' fertilizzazzjoni. | Ġew preparati l-kriterji li abbażi tagħhom għandu jsir l-abbozz tal-emendi tal-liġi, u dawn tressqu quddiem il-kumitat tan-nitrati għall-konferma. | Tlesta l-ewwel abbozz li jelenka t-tibdil fil-liġi u tressaq għall-approvazzjoni tal-Avukat Ġenerali. | Il-proposti u l-abbozz tal-emendi legali ġew reveduti kif rakkomandat mill-Avukat Ġenerali u l-abbozz ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni onlajn. Intlaqgħu l-kummenti mill-konsultazzjoni u ġew riflessi fl-abbozz filwaqt li saru l-preparamenti interni biex l-abbozz jiġi ppreżentat bħala liġi. | Persuni li jipproduċu prodotti organiċi | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 103 | Eżenzjoni minn ċerti obbligi għal raħħala li jrabbu inqas minn 20 nagħġa jew mogħża. Sal-lum, din l-eżenzjoni tapplika biss għal min għandu merħla ta' inqas minn 5 nagħġiet jew mogħżiet. Din l-eżenzjoni se tkompli tgħin fil-ħidma tar-raħħala. | Saru diskussjonijiet bejn diversi entitajiet konċernti biex jiġu stabbiliti emendi fil-liġi biex raħħal li jkollu anqas minn 20 nagħġa jew mogħża jkun eżentat minn ċerti obbligi. | Ġew preparati l-kriterji li abbażi tagħhom għandu jsir l-abbozz tal-emendi tal-liġi, u dawn tressqu quddiem il-kumitat tan-nitrati għall-konferma. | Tlesta l-ewwel abbozz li jelenka t-tibdil fil-liġi u tressaq għall-approvazzjoni tal-Avukat Ġenerali. | Il-proposti u l-abbozz tal-emendi legali ġew reveduti kif rakkomandat mill-Avukat Ġenerali u l-abbozz ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni onlajn. Intlaqgħu l-kummenti mill-konsultazzjoni u ġew riflessi fl-abbozz filwaqt li saru l-preparamenti interni biex l-abbozz jiġi ppreżentat bħala liġi. | Raħħala | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 104 | Bidwi li jkollu annimali li qed jitrabbew b'mod organiku se jibda jkun eżenti minn ċerti obbligi u kontrolli. | Saru diskussjonijiet bejn diversi entitajiet konċernti biex jiġu stabbiliti emendi fil-liġi biex raħħal li jkollu annimali ċertifikati bħala organiċi mill-awtorità kompetenti jkun eżentat minn ċerti obbligi. | Ġew preparati l-kriterji li abbażi tagħhom għandu jsir l-abbozz tal-emendi tal-liġi, u dawn tressqu quddiem il-kumitat tan-nitrati għall-konferma. | Tlesta l-ewwel abbozz li jelenka t-tibdil fil-liġi u tressaq għall-approvazzjoni tal-Avukat Ġenerali. | Il-proposti u l-abbozz tal-emendi legali ġew reveduti kif rakkomandat mill-Avukat Ġenerali u l-abbozz ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni onlajn. Intlaqgħu l-kummenti mill-konsultazzjoni u ġew riflessi fl-abbozz filwaqt li saru l-preparamenti interni biex l-abbozz jiġi ppreżentat bħala liġi. | Raħħala | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 105 | Introduzzjoni ta' sistema awtomatizzata dwar ċertifikazzjoni ta' nbejjed DOC u IGT, u għal xiri ta' banderols. Sal-lum xiri u ħlas isiru personalment fl-uffiċini fl-Għammieri. Permezz ta' din is-sistema, dan se jibda jsir onlajn. | Saru arranġamenti mal-MITA biex is-*software* neċessarju jiġi żviluppat u installat. Bdew it-testijiet neċessarji fuqu. | L-ittestjar tas-*software* ġie finalizzat u s-sistema ġiet varata biex tibda tintuża mill-produtturi tal-inbejjed. | | | Għassara produtturi ta' nbid ta' kwalità | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Wara li jitwaqqaf servizz ġdid tal-Extension Service fil-biedja, jibda jingħata servizz dirett fuq l-irziezet u, b'effett mill-1 ta' Settembru 2017, jibdew jintlaħqu 80 bidwi u raħħal kull xahar. B'hekk dawn il-bdiewa u raħħala ser jingħataw pariri u assistenza teknika biex isiru aktar produttivi u kompetittivi fis-suq, filwaqt li jilqgħu għal sfidi ġodda bħalma huma dawk marbutin mat-tibdil fil-klima. | Beda l-ingaġġ u t-taħriġ ta' uffiċjali agrikoli filwaqt li ġew preparati l-uffiċini fejn dawn ikunu bbażati, bil-għan li jerġa' jitwaqqaf is-servizz tal-Extension Service biex jgħin lill-bdiewa u r-raħħala billi jagħtihom pariri u informazzjoni teknika li jeħtieġu. | Is-servizz tnieda uffiċjalment f'Mejju. Il-bdiewa u r-raħħala ġew notifikati b'dan is-servizz permezz ta' sms, filwaqt li ttellgħet onlajn fuq il-*website* tad-Direttorat l-informazzjoni dwar dan is-servizz kif ukoll il-formola li permezz tagħha bdiewa u raħħala klijenti jkunu jistgħu jitolbu għal dan is-servizz. Bdew isiru żjarat fi stabbilimenti tal-biedja b'mod regolari biex tkun tista' tingħata l-assistenza teknika. Pariri li ngħataw kienu jittrattaw oqsma differenti fosthom tisqija, applikazzjoni ta' fertilizzant, mard tal-pjanti u preparamenti tal-ħamrija għal uċuħ differenti. | L-implimentazzjoni ta' din il-KPI twettqet f'mitt jum kif pjanat. | | Madwar 2,000 bidwi u raħħal | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 | Aċċess akbar għal informazzjoni pprovduta mis-sit tal-Animal Welfare Information and Management System (AWIMS). Din iż-żieda fl-informazzjoni se telimina l-bżonn li persuna jkollha tirrikorri għand id-Dipartiment biex tikseb tali informazzjoni. | Beda l-proċess biex tiddaħħal l-informazzjoni fis-sistema, inkluż rigward l-operat tal-ambulanza tal-annimali, spezzjonijiet relatati ma' trattament ħażin tal-annimali, u ż-żamma u l-adozzjoni ta' klieb u qtates fl-Għammieri. | Ġie finalizzat ix-xogħol fuq is-sistema l-ġdida u bdiet tintuża f'Mejju. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 111 | Simplifikazzjoni fil-mod kif isiru spezzjonijiet f'*pet shops*. Dan permezz ta' *self-assessment checklist* li negozji se jingħataw bi preparazzjoni għall-ispezzjonijiet. B'hekk, negozju jkun jista' jirregola l-operat tiegħu f'każ li ssirlu spezzjoni. Din il-ħidma ser issir b'koordinazzjoni mal-*Business Inspections* Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | Intlaħaq ftehim dwar is-serje ta' proposti dwar spezzjonijiet mal-kordinaturi tal-MCCAA u l-OPM. Bdew isiru l-ispezzjonijiet konġunti. | Ġew ippubblikati *checklists* bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Sadanittant komplew isiru l-ispezzjonijiet fil-*pet shops*, u beda proċess ta' *feedback* rigward l-ispezzjonijiet li kienu saru. | Komplew l-ispezzjonijiet konġunti fil-*pet shops* u bdiet ħidma ta' evalwazzjoni fuq ix-xogħol tad-direttorat. | Tlestiet l-evalwazzjoni dwar ix-xogħol u l-kwalità tas-servizz tad-direttorat. | Aktar minn 300 *pet shop* | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Simplifikazzjoni fil-mod kif issir ir-reġistrazzjoni ta' xerrejja li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Pitkalija; minn sistema manwali għal waħda elettronika. B'hekk ix-xerrej jinqeda aħjar u f'inqas ħin. | Beda xogħol fuq l-iżvilupp ta' sistema ġdida biex ix-xerrejja jibdew jiġu notifikati b'mod awtomatiku, jingħataw appuntament u jiġu infurmati x'għandhom jieħdu magħhom għar-reġistrazzjoni annwali tagħhom mal-Pitkalija. | L-informazzjoni dwar ix-xerrejja ġiet reġistrata fis-sistema l-ġdida filwaqt li beda x-xogħol biex tiġi reġistrata wkoll il-Koperattiva tal-Bdiewa. | Beda t-*testing* tas-sistema ta' reġistrazzjoni. | Tlesta t-*testing* tas-sistema żviluppata u ġiet varata b'effett minn Jannar 2018 minħabba li dan ikun l-aktar żmien adegwat li tiġi introdotta s-sistema biex ma jkunx hemm impatt fuq l-operat indikat. | Il-pubbliku u madwar 1,000 operatur | Implimentata |
| 114 | Reviżjoni fl-operat taċ-ċentri tal-iskart goff. Permezz ta' din ir-reviżjoni, dawn iċ-ċentri se jinfetħu għall-użu ta' residenti privati. B'hekk se tkompli l-ħidma biex jiġi evitat ir-rimi ta' skart goff fit-toroq. | Saru diskussjonijiet mill-Wasteserv mal-i*stakeholders* konċernati u li wasslu għal proposta dwar kif jistgħu jiġu regolati entitajiet privati li jixtiequ jagħmlu użu miċ-ċentri għall-iskart goff. | Ġew diskussi kemm-il darba fis-sena vetturi ta' kategoriji differenti għandhom jitħallew jidħlu jħottu f'dawn iċ-ċentri. Ġew diskussi wkoll ir-rati ta' ħlas għal skart kummerċjali li jintrema. | L-operat taċ-ċentri tal-iskart ġie rivedut. B'hekk, residenti privati ngħataw il-faċilità li jagħmlu użu minn dawn iċ-ċentri. Ġiet introdotta wkoll sistema onlajn biex individwi li jutilizzaw dawn iċ-ċentri jkunu jistgħu japplikaw għall-permessi meħtieġa mill-kumdità ta' darhom 24/7. | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 115 | Ristrutturar fil-biċċerija biex raħħala u pitkala jkunu jistgħu jsegwu l-proċess tal-qatla tal-karkassi tagħhom. Dan se jgħin fit-trasparenza tal-proċess kif ukoll biex jiġi salvagwardjat l-interess tal-pitkala u r-raħħala. | Sar ix-xogħol infrastrutturali fuq il-*viewing room* tal-linja tal-majjal li tippermetti lir-raħħala jsegwu aħjar il-proċess tal-qatla tal-annimali tagħhom minn aperturi tal-ħġieġ. Tqiegħdu wkoll *boot washers* biswit il-*viewing rooms* tal-linja taċ-ċanga u dik tal-majjal kif ukoll biswit il-*lairages* fejn jiddaħħlu l-bhejjem, biex ir-raħħala jaħslu ż-żraben tagħhom għal skop ta' iġene.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Madwar 200 raħħal u pitkal | Implimentata |
| 116 | Introduzzjoni ta' reġistru onlajn bid-dettalji dwar l-operaturi tal-akkwakultura. Dan ir-reġistru se jkun aċċessibbli għall-pubbliku kollu. Fil-preżent, dan ir-reġistru huwa aċċessibbli biss mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. | Beda l-proċess biex ikun ippubblikat avviż legali dwar regolamenti għall-operat tal-akkwakultura, li jippermetti l-użu ta' reġistru onlajn bid-dettalji tal-operaturi tal-akkwakultura. Sadattant ġie ppreparat il-qafas ta' dan ir-reġistru onlajn. | L-avviż legali ġie ppubblikat u r-reġistru ttella' onlajn. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 198 | Sal-lum hemm ħames parks li għandhom is-servizz tal-*Wi-Fi.* Ser jiġi introdott servizz ta' *Wi-Fi* b'xejn f'żewġ parks oħra biex b'hekk inkunu qed noffru dan is-servizz f'total ta' seba' parks madwar Malta u Għawdex. | Gew identifikati l-park tas-Salina/ Kennedy Grove, u l-*picnic area* f'Ta' Qali fejn għandu jkun provdut servizz ġdid ta' *Wi-Fi* b'xejn. | Sar ix-xogħol ta' installazzjoni neċessarju u s-servizz ta' *Wi-Fi* b'xejn beda jopera f'dawn iż-żewġ siti. | Din il-KPI twettqet f'mitt jum kif pjanat | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 178 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eform*s. | Bdiet evalwazzjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli li jimtlew mill-pubbliku. Dan il-proċess wassal għall-identifikazzjoni ta' 11-il formola biex jinqalbu f'*eforms* sal-aħħar tas-sena. | Bdew laqgħat mal-fornitur dwar il-konverżjoni ta' 11-il formola f'*eforms.* | Tlestew l-ewwel 8 formoli u kompliet il-ħidma mal-fornitur. | Ġew konvertiti 3 formoli oħra. B'hekk, din is-sena ġew konvertiti 11-il formola f'*eforms.* | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN
U PROMOZZJONI TAL-KUMMERĊ


PALAZZO
PARISIO

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Introduzzjoni ta' formola onlajn biex jiġi ffaċilitat il-proċesss ta' reġistrazzjoni skont l-Att dwar il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Dan l-Att jirrikjedi li jinżamm reġistru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi mwaqqfa barra minn Malta. | Bdiet ħidma fuq ir-reviżjoni tal-formola b'konsultazzjoni mal-kunsilliera tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. | Kompliet id-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. | Kompliet id-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. | Ġiet diskussa l-formola waqt il-laqgħa annwali tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u tressaq abbozz għall-approvazzjoni interna. Il-formola ġiet approvata u ppubblikata fuq is-sit tal-Ministeru. | L-għaqdiet kollha tal-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu barra minn Malta | Implimentata |
| 14 | Introduzzjoni ta' formola speċifika onlajn li tiffaċilita l-proċess ta' reġistrazzjoni fir-reġistru ta' Maltin prominenti li jgħixu barra minn Malta u li jkunu ddistingwew ruħhom fil-professjoni, vokazzjoni jew xogħol rispettiv tagħhom. | Bdiet ħidma fuq ir-reviżjoni tal-formola b'konsultazzjoni mal-kunsilliera tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. | Kompliet id-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. | Kompliet id-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. | Ġiet diskussa l-formola waqt il-laqgħa annwali tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u tressaq abbozz għall-approvazzjoni interna. Il-formola ġiet approvata u ppubblikata fuq is-sit tal-Ministeru. | L-għaqdiet kollha tal-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu barra minn Malta | Implimentata |
| 15 | Introduzzjoni ta' proċess elettroniku dwar kif ħaddiema fl-ambaxxati japplikaw għal-*leave*. Dan se jelimina l-proċess manwali applikat sal-lum. | Bdew il-preparamenti għall-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa biex tibda l-ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Bdew id-diskussjonijiet interni dwar il-funzjonalità tas-sistema l-ġdida. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u ġiet preżentata lill-Ambaxxaturi Maltin. Sar it-*testing* u t-taħriġ għall-istaff. Is-sistema ġiet varata onlajn. | Il-migrazzjoni tad-*data* tlesiet u s-sistema bdiet titħaddem mill-impjegati tal-Ministeru u l-Ambaxxati. | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan l-Ambaxxati | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Simplifikazzjoni fil-mod kif persuna tapplika għal *Overseas Development Assistance* minn sistema manwali għal *eform*. | Bdiet ħidma dwar ir-rekwiżiti applikabbli biex tiġi żviluppata l-formola l-ġdida. | Il-formola għal applikazzjonijiet għall-kofinanzjament ta' proġetti proposti fl-ambitu tal-Assistenza għall-Iżvilupp Uffiċjali ġiet riveduta u approvata. Il-formola hija aċċessibbli f'format elettroniku. | Il-formola ġiet mgħoddija lill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat biex tkun tista' timtela mill-applikanti direttament tramite s-sit tal-Ministeru. | Il-formola tlestiet u saret aċċessibbli għall-pubbliku. | L-għaqdiet mhux governattivi (NGOs) | Implimentata |
| 169 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Saru laqgħat interni dwar is-simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru li wasslu għall-identifikazzjoni ta' 3 formoli biex jinqalbu f'*eforms* sal-aħħar tas-sena. | Bdiet ħidma dwar il-konverżjoni tal-formoli flimkien mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq it-3 formoli. B'hekk, din is-sena nqalbu 3 formoli f'*eforms*. | | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Jiġi awtomatizzat it-trasferiment ta' pjanċi personalizzati biex neliminaw id-diffikultajiet eżistenti ffaċċjati mill-klijenti. | Ġew stabbiliti u implimentati l-bidliet meħtieġa fis-sistema eżistenti u bdew jiġu approvati. | Ġew approvati l-bidliet magħmula u l-miżura ġiet implimentata. | | | 'Il fuq minn 2,000 tranżazzjoni fis-sena minn sidien tal-karozzi | Implimentata |
| 31 | Il-klijenti se jkunu jistgħu jġeddu l-liċenzja tas-sewqan għand il-kumpanija tal-assigurazzjoni flimkien mal-liċenzja annwali tal-vettura mingħajr il-ħtieġa li jmorru Transport Malta. | Bdiet u twettqet analiżi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Saru diskussjonijiet mal-kuntrattur tas-*software* fuq l-emendi meħtieġa. Bdiet l-analiżi u d-dokumentazzjoni tal-proċess. | Il-ħidma fuq din il-miżura ġiet temporanjament sospiża minħabba proġetti oħra li ngħataw prijorità. | | | |
| 32 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika li tagħti aċċess għat-tiġdid tal-liċenzji nawtiċi, mingħajr il-bżonn li persuna tintalab tikkonferma l-informazzjoni eżistenti jew tissottometti ritratt ġdid. | Saru diskussjonijiet mal-kuntrattur tas-*software* fuq l-emendi meħtieġa. Beda xogħol ta' analiżi u d-dokumentazzjoni tal-proċess. | Ġew finalizzati l-analiżi u d-dokumentazzjoni tal-proċess. Il-kuntrattur beda jimplimenta l-emendi meħtieġa. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-*software* u beda t-*testing.* | Tlesta l-iżvilupp u t-*testing*. Is-sistema bdiet titħaddem bi prova minn Transport Malta. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 33 | Simplifikazzjoni fil-mod kif tiġġedded ir-reġistrazzjoni għal vapuri żgħar. Dan se jkun jista' jsir direttament fil-kumpaniji tal-assigurazzjoni mingħajr il-bżonn li persuna tmur fl-uffiċini ta' Transport Malta. | Saru diskussjonijiet mal-kuntrattur tas-*software* fuq l-iżviluppi meħtieġa fis-sistema kurrenti. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-kuntrattur fuq l-emendi u beda xogħol ta' analiżi u d-dokumentazzjoni tal-proċess. | Ġiet finalizzata l-analiżi tal-proċess li se jibda jitħaddem għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni ta' vapuri żgħar. | Il-proċess il-ġdid ġie approvat minn Transport Malta. | Sidien ta' bastimenti żgħar | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Simplifikazzjoni fil-mod kif titħallas il-liċenzja tal-bini. Sal-lum, bennejja jridu jmorru l-Cash Office f'Beltissebħ biex iħallsu l-liċenzja tal-bini. Permezz ta' din il-miżura, dan il-ħlas se jkun jista' jibda jsir b'mod elettroniku. | Bdiet ħidma mal-partijiet konċernati, inkluż il-Bord tal-Bennejja u l-esperti tekniċi, biex jiġi determinat pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. Ġew stabbiliti l-kriterji tekniċi tal-proġett u ġie stabbilit *memorandum* of *undertaking* mal-partijiet konċernati. | Ix-xogħol tekniku fuq is-sit beda jiġi implimentat mill-kuntrattur u beda l-ittestjar fuq is-sistema. Bdiet ħidma dwar il-verifika tad-*data* u l-migrazzjoni fis-sistema l-ġdida. | Beda l-proċess ta' *testing* kif ukoll xogħol relatat mal-ftuħ ta' kont bankarju biex pagamenti jkunu jistgħu jibdew isiru onlajn. | Komplew id-diskussjonijiet mal-banek u l-laqgħat mal-fornitur fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Madwar 1,500 bennej | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 51 | Tiġi introdotta pjattaforma elettronika għat-tagħlim relatat mal-qasam tal-kostruzzjoni (BICC *e-learning platform*) biex b'hekk in-nies li jixtiequ jattendu għall-korsijiet tal-*Health and Safety* ikunu jistgħu jsegwu l-korsijiet fuq mezzi elettroniċi u mhux bilfors jattendu l-BICC. | Ġie identifikat is-*software* u saru laqgħat mal-għalliema. | Tlesta l-kontenut tal-korsijiet bażiċi fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u bdew ukoll preparamenti fuq livell aktar avvanzat għall-professjonisti. | Ġiet kumpilata u sottomessa l-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni tal-korsijiet. | Komplew diskussjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tal-korsijiet. | Ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tal-kostruzzjoni | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Bdew diskussjonijiet biex jiġu identifikati l-formoli l-aktar użati fi ħdan id-dipartimenti u l-entitajiet fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. | Ġew identifikati 7 formoli u nbnew ir-rekwiżiti neċessarji bi preparazzjoni għall-implimentazzjoni. | Tlesta x-xogħol fuq is-7 formoli u b'hekk ġew konvertiti f'*eforms*. | | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Implimentazzjoni ta' servizz aktar affidabbli ta' stampar għall-impjegati tal-Ministeru għal Għawdex. Sal-lum, in-notifiki dwar ħsarat jew nuqqas ta' servizz iridu jsiru permezz ta' telefonati jew *email*. Bis-saħħa ta' dan is-*software*, din in-notifika se ssir b'mod awtomatiku lill-fornitur biex tittieħed l-azzjoni meħtieġa fil-pront. | Saru diskussjonijiet kemm internament kif ukoll mal-MITA fuq ir-rekwiżiti tas-servizz. Saru wkoll diskussjonijiet mal-fornitur tas-*software*. | Ġie ppruvat u installat is-*software* u beda jitħaddem.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |
| 36 | Implimentazzjoni ta' servizz aktar affidabbli ta' *Wi-Fi* għall-pubbliku fiċ-Ċittadella. Permezz ta' *software* apposta, kull ħsara jew nuqqas ta' servizz se jiġu komunikati direttament biex tittieħed l-azzjoni meħtieġa fil-pront. | Saru diskussjonijiet kemm internament kif ukoll mal-MITA fuq ir-rekwiżiti tas-servizz. Saru wkoll diskussjonijiet mal-fornitur tas-*software*. | Ġie ppruvat u installat is-*software*, u beda jitħaddem.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 37 | Tiġi żviluppata sistema onlajn li tiffaċilita ż-żamma u t-tiftix ta' kuntratti dwar servizzi tal-ICT b'mod aktar konvenjenti, affidabbli u trasparenti. Sal-lum, dawn il-kuntratti jinżammu f'*files* manwali. | Saru diskussjonijiet interni fuq il-proċess eżistenti u tfassal pjan għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Is-sistema ġiet żviluppata, ittestjata u mħaddma. | | | Impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Introduzzjoni ta' sistema onlajn dwar kif jiġu proċessati talbiet għall-*vacation leave*. Sal-lum, dan il-proċess isir b'mod manwali. | Saru diskussjonijiet interni fuq ir-rekwiżiti tas-sistema u tfassal pjan għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u bdiet tiġi ppruvata. | Tlesta t-*testing* fuq is-sistema. | Is-sistema ġiet varata u bdiet titħaddem. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |
| 39 | Introduzzjoni ta' sistema onlajn li permezz tagħha jintlaqgħu talbiet dwar *stationery* b'mod konvenjenti. | Saru diskussjonijiet interni fuq ir-rekwiżiti tas-sistema u tfassal pjan għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u bdiet tiġi ppruvata. | Tlesta t-*testing* fuq is-sistema. | Is-sistema ġiet varata u bdiet titħaddem. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |
| 43 | Tibda tintbagħat informazzjoni b'mod elettroniku lil dawk il-persuni li ser jirreġistraw l-għelieqi tagħhom. Bħalissa l-proċedura titlob li applikant jimla l-formola u t-talba għar-reġistrazzjoni tiġi proċessata manwalment. | Saru diskussjonijiet interni fuq ir-rekwiżiti tas-sistema u tfassal pjan għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u beda jingħata s-servizz. | | | Il-bdiewa | Implimentata |
| 44 | Jitwaqqaf *focal point* biex jikkoordina l-ħidma tal-Front Office Paying Agency f'Għawdex. B'hekk il-bdiewa jkollhom aċċess dirett għal kwalunkwe informazzjoni li jkollhom bżonn. | Saru laqgħat ta' kollaborazzjoni mal-Paying Agency fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima. | Komplew id-diskussjonijiet. | Ġie identifikat *focal point* bi ftehim mal-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima biex iservi ta' aċċess għall-bdiewa f'Għawdex. | | Il-bdiewa | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Użu ta' *paypoint* wieħed minflok sitta differenti għall-ipproċessar tal-pagi. B'hekk ikun hemm aktar effiċjenza fl-ipproċessar tal-*personal emoluments* tal-ħaddiema. | Bdew diskussjonijiet interni li wasslu għall-konsolidament ta' sitt *paypoints* f'wieħed. B'hekk tħaffu l-proċessi amministrattivi u l-miżura ġiet implimentata. | | | | Impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |
| 47 | L-immaniġġar u l-moniteraġġ tal-proġetti qegħdin fil-preżent jinżammu f'*emails* u *files* differenti. Ser tiġi żviluppata sistema onlajn li tiffaċilita ż-żamma ta' informazzjoni u tassigura moniteraġġ aktar effettiv tal-proġetti. | Ġiet żviluppata u implimentata sistema onlajn biex tiffaċilita ż-żamma tal-informazzjoni. | | | | Impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |
| 48 | Introduzzjoni ta' *database* li fiha tinżamm informazzjoni relatata max-xiri pubbliku u l-moniteraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti. | Saru diskussjonijiet interni fuq ir-rekwiżiti tas-sistema u tfassal pjan għall-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. | Tlesta l-iżvilupp ta' *database* u beda l-ittestjar tagħha. | Tlesta t-*testing* u s-sistema bdiet titħaddem. | | Impjegati fil-Ministeru għal Għawdex, b'mod partikolari l-uffiċjali li jifformulaw sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 172 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms.* | Saru diskussjonijiet interni u ġew identifikati 4 formoli li se jiġu simplifikati u konvertiti f'*eforms* matul is-sena. | Saret analiżi tal-proċessi eżistenti u tfassal pjan ta' żvilupp ta' formoli onlajn. | Bdiet ħidma mal-fornitur għall-konverżjoni tal-formoli f'*eforms*. | Tlesta x-xogħol fuq l-4 *eforms* u sar it-*testing.* | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-
TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88 | Implimentazzjoni ta' Reġistru Mingħajr Karti fl-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer (MFCS) u fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (MFCS) (Sharepoint Paperless Registry). Din is-sistema ser twassal għall-eliminazzjoni tal-karti stampati u l-proċessi jibdew jitmexxew b'mod diġitali. | Bdiet ħidma biex jiġi determinat pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. | Inbeda l-programmar tal-applikazzjoni li se tintuża fl-uffiċċji taċ-Chief Information Officer u tas-Segretarju Permanenti. | Tlesta l-programmar kif ukoll l-ittestjar meħtieġ. Inbeda t-taħriġ lill-impjegati fuq iż-żewġ reġistri. | Tlesta t-taħriġ u ż-żewġ reġistri ġew varati. | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 90 | Isir titjib u simplifikar tal-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal għajnuniet soċjali. Bis-saħħa ta' din il-miżura jibda jsir il-proċess bl-*Automatic Assessment.* Minbarra li jkompli jitjieb is-servizz għaċ-ċittadin, l-għan ta' dan il-proġett huwa li jkun hemm aktar effiċjenza, jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji u jiġu evitati każi ta' frodi u abbuż mis-servizzi soċjali. | | Bdiet ħidma biex jiġi determinat pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tlestiet id-dokumentazzjoni kif ukoll l-analiżi tar-rekwiżiti meħtieġa għat-twettiq ta' din il-miżura. Il-proċess ta' *auto assessment* beda jiġi ttestjat. | Sar taħriġ lill-impjegati fl-uffiċini distrettwali dwar l-applikazzjoni ta' dan il-proċess. Tkompla l-ittestjar tal-*auto assessment* u l-proċess ġie varat. | Il-pubbliku u l-uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 91 | Isir titjib fil-funzjonalità tas-sistema kompjuterizzata tal-*Allowance* tat-Tfal (*Children's Allowance*) b'tali mod li jiġi eliminat l-intervent manwali u għaldaqstant jitnaqqsu l-iżbalji li jistgħu jsiru. | | | Bdiet ħidma biex jiġi determinat pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. Tlestiet id-dokumentazzjoni kif ukoll analiżi tar-rekwiżiti meħtieġa għall-iżvilupp ta' din il-funzjonalità ġdida. | Beda u tlesta l-ittestjar tal-funzjonalità l-ġdida fis-sistema. Is-sistema ġiet varata. | Il-pubbliku u l-uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 93 | Nissimplifikaw il-proċess kif persuna tapplika għall-assistenza għal diżabilità u dan ikun jista' jibda jsir onlajn minflok manwalment kif isir sal-lum. | | Il-ħidma fuq din il-miżura ġiet temporanjament sospiża minħabba proġetti oħra li ngħataw prijorità. | | | | |
| 154 | Nissimplifikaw il-proċess li bih persuna tapplika għal xogħol volontarju mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali; minn proċess manwali li jieħu l-ħin għal proċess elettroniku u effiċjenti. | Ġiet żviluppata l-formola. Wara li sar l-ittestjar meħtieġ, ġiet varata uffiċjalment u ttellgħet onlajn. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 155 | Fil-preżent persuna li tapplika għal numru ta' *allowances* li jaqgħu taħt il-kappa taċ-Child Benefit Group mogħtija mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali trid tagħmel dan b'mod manwali. Dan il-proċess se jibda jsir b'mod elettroniku għal servizz aqwa lill-klijent mingħajr il-ħtieġa li persuna żżur l-uffiċini distrettwali. | | Bdiet u tlestiet il-ħidma fuq l-iżvilupp tal-formola li tkopri *allowances* taħt il-kappa taċ-Child Benefit Group. Sar l-ittestjar u ġiet varata onlajn. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 156 | Simplifikazzjoni fil-proċess kif persuna tressaq talbiet għal *allowance* tal-Għajnuna Supplimentari. Dan is-servizz se jsir aċċessibbli onlajn mingħajr il-ħtieġa li jimtlew applikazzjonijiet b'mod manwali. | Ġiet żviluppata l-formola. Wara li sar l-ittestjar meħtieġ, ġiet varata uffiċjalment u ttellgħet onlajn. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 195 | a) Sal-lum dawk li jkollhom mard fit-tul iridu jippreżentaw ċertifikat mediku kull ġimgħa. Dawk il-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-mard li jkollhom mard fit-tul u li jidhru quddiem il-Bord Mediku jitneħħielhom l-obbligu li jippreżentaw ċertifikat tal-mard kull ġimgħa lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.<br><br>(b) Il-Karta r-Roża tibda tiġġedded b'mod awtomatiku fil-każ ta' dawk il-benefiċjarji ta' benefiċċji mhux kontributorji. Għaldaqstant dawn il-benefiċjarji ma jkollhomx il-ħtieġa li jmorru fl-uffiċini distrettwali kull 4 xhur biex isir it-tiġdid tal-Karta r-Roża. | | Tlestiet id-dokumentazzjoni kif ukoll l-analiżi tar-rekwiżiti meħtieġa għall-implimentazzjoni taż-żewġ *Key Performance Indicators.* | Saru emendi fis-sistemi li permezz tagħhom jitħaddmu dawn iż-żewġ benefiċċji u beda xogħol ta' *testing*. | Tlesta t-*testing* kif ukoll il-verifiki f'dak li għandu x'jaqsam mal-assigurazzjoni tal-kwalità tas-*software*. Iż-żewġ miżuri ġew implimentati f'mitt jum u varati kif pjanat. | a) Jiġu ffrankati madwar 10,000 ċertifikat mediku ta' kontinwazzjoni<br><br>b) Madwar 6,000 persuna | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 175 | **Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru** Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jwassal għall-konverżjoni ta' numru ta' formoli f'*eforms*. | Ġew identifikati 8 formoli biex jiġu konvertiti f'*eforms* sal-aħħar tas-sena. Tfasslu linji gwida dwar kif jimtela l-formolarju kif ukoll informazzjoni dwar is-servizz jew benefiċċju li l-pubbliku qed japplika għalih. | Tkompla l-proċess fejn aktar formoli ġew riveduti biex ikunu aktar faċli li jimtlew onlajn mill-pubbliku u bdiet ħidma mal-fornitur. | Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 4 formoli u sar it-*testing*. | Tlesta x-xogħol fuq 4 formoli oħra. B'hekk din is-sena nqalbu 8 formoli f'*eforms*. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 186 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (*mservices*) permezz ta' żvilupp ta' siti li huma kompatibbli ma' *devices* elettroniċi, fosthom is-sit tal-Benefit Calculators and Services: http://dssservices.gov.mt<br><br>Dan is-sit huwa aċċessibbli wkoll minn Maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan t'azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġie identifikat is-sit biex jinqaleb f'format kompatibbli ma' *devices* elettroniċi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders* involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ. | Tlesta l-iżvilupp u beda t-*testing*. Twaqqaf *focus group* biex issir evalwazzjoni tas-sit il-ġdid. | Tlestiet l-evalwazzjoni u s-sit ittella' fuq Maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2014
# LI TWETTQU FL-2017

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Jiġi żviluppat *database* li jiġbor fih l-informazzjoni kollha b'mod diġitali rigward it-tiftix għaż-żejt. | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | | Implimentata |
| 5 | Inħaffu l-proċess ta' rimborż għall-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali. | MEAE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | | Implimentata |
| 1 | Talbiet għall-pjanti tar-Reġistru tal-Artijiet onlajn. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru. | | Implimentata |
| 2 | Żvilupp ta' sistema ġdida ta' riċerki fuq persuni. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru. | | Implimentata |
| 17 | Installazzjoni ta' apparat ta' *video conferencing* fl-awla prinċipali biex tittieħed xhieda ta' tobba u persuni oħra li jkun aktar ta' benefiċċju għal kulħadd li jixhdu mill-post tax-xogħol tagħhom u b'hekk jitnaqqas l-iskariġġ u l-inkonvinjenza żejda. F' Novembru 2014 sar *testing* b'suċċess ta' din l-inizjattiva. | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Xhieda li ma jkunux jistgħu jmorru personalment il-Qorti | Implimentata |
| 14 | Pagamenti onlajn mill-*fish farms.* | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Sidien tal-*fish farms* | Implimentata |
| 15 | Pagamenti għas-servizzi mil-Legal Unit tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Madwar 1,000 sajjied | Implimentata |
| 4 | Trasferiment onlajn ta' vettura. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | | Implimentata |

## MIŻURI PENDENTI MILL-2015
## LI TWETTQU FL-2017

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jinbena programm ta' riċerki ġdid li jissostitwixxi dak eżistenti biex il-klijenti jinqdew aħjar billi servizzi relatati ma' riċerki jingħataw b'mod elettroniku. Is-sistema l-antika ilha tiffunzjona mill-1996 fejn apparti li din issa hija *outdated* kienet ukoll programmata b'lingwa li llum mhix sapportjata. Wara li din is-sistema għaddiet minn diversi jdejn bħala manutenzjoni, fil-bidu ta' din is-sena mietet l-unika persuna li kellha aċċess għas-sistema u li kienet qed tieħu ħsieb il-manutenzjoni. Azzjoni f'waqtha minn Identity Malta tat bidu għall-iżvilupp ta' sistema ġdida fuq pjattaforma diġà eżistenti fejn apparti li ġew frankati kważi miljun ewro minn stima ta' sistema ġdida mill-MITA, jekk Identity Malta jkollha l-mezzi ta' riżorsi umani neċessarji din tkun tiffunzjona fl-ewwel kwart tal-2016 minflok kif kien mistenni mill-MITA li tkun tiffunzjona fl-aħħar tal-2017. | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru. | Il-pubbliku u l-operaturi | Implimentata |
| | Simplifikar fil-proċess, il-ħruġ u l-manutenzjoni ta' *eID accounts* - Is-sistema onlajn tal-*eID* ilha tiffunzjona mill-2006 u għalkemm bħala sigurtà hija waħda tajba, il-funzjoni tagħha mhix daqshekk *user friendly*. Għalhekk qed jittieħdu miżuri biex din tiġi ssimplifikata kemm jista' jkun. | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jitnaqqas l-ammont ta' spejjeż amministrattivi relatati mat-twaqqif ta' negozju ġdid f'Malta li m'għandux ikun aktar minn €100. | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Persuni li jixtiequ jiftħu negozju | Implimentata |
| | Jiġu żviluppati templates simplifikati għall-pubblikazzjoni ta' offerti (tenders) speċifikament għall-NGOs. | MEAE | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | | Implimentata |
| | Introduzzjoni ta' sistema ġdida kompjuterizzata għal-liċenzjar. | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru. | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Lotterija fiskali tal-VAT. L-urna preżentament hija bil-ħsara u għalhekk sistema oħra ta' tlugħ għandha tiġi adottata. Hemm ukoll problema li r-regolamenti mhumiex ċari biżżejjed għal dak li għandu x'jaqsam mal-irċevuti preżentati mill-pubbliku ġenerali. | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Tiġi żviluppata lista ta' informazzjoni u kuntatti li għandu kull dipartiment/direttorat biex din il-lista titqassam lid-direttorati kollha. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Bdiewa u raħħala flimkien ma' ħaddiema fid-dipartiment | Implimentata |
| | Id-direttorati jingħaqdu biex l-istħarriġ mal-bdiewa u dawk li jrabbu l-annimali jsir b'mod armonizzat u dan iservi biex il-bdiewa ma joqogħdux jiġu kkuntattjati diversi drabi minn direttorati differenti. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Bdiewa u raħħala flimkien ma' ħaddiema fid-dipartiment | Implimentata |
| | Tiġi żviluppata *website* uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li permezz tagħha l-klijenti jkunu jistgħu jkollhom informazzjoni b'mod immedjat mingħajr il-bżonn li joqogħdu jċemplu jew imorru personalment fl-uffiċċji. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | Madwar 1,000 sajjied u ħaddiema fid-dipartiment u l-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll tas-sajd fl-istati membri tal-UE | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | GIS - WID - Introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida biex jitħaffef l-aċċess għall-pjanti mill-arkivji tad-dipartiment, liema pjanti jintużaw għar-riċerki. Sal-lum kull min jeħtieġ tali informazzjoni jiksibha minn uffiċini differenti. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Impjegati fid-dipartment li jagħmlu użu mis-sistema GIS | Implimentata |
| | Servizzi ġodda fil-Qorti t'Għawdex: Teħid ta' xhieda bil-*video conference*. | MGOZ | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | | Implimentata |

MIŻURI PENDENTI MILL-2016
LI TWETTQU FL-2017

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 130 | Introduzzjoni tal-karta ta' sħubija fl-iskema tal-POYC li ser tieħu post il-Patient Voucher Letter. Din mistennija tiffaċilita l-proċess tal-ġbir tal-mediċini mill-ispiżeriji u fl-istess ħin tnaqqas il-piż fuq ir-riżorsi. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | Pazjenti li qed jibbenefikaw mill-Iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek flimkien ma' spiżeriji fil-komunità. | Implimentata |
| 134 | Introduzzjoni ta' servizz ġdid ta' *outreach* li jikkonsisti fi żjarat fid-djar tal-anzjani, biex jingħata tagħrif edukattiv u informazzjoni dwar l-użu u l-effett ta' ċerti mediċini u trattament mediku. B'hekk, dawk li jużaw is-servizzi tal-POYC ikollhom aktar informazzjoni dwar is-servizzi provduti. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Pazjenti li qed jibbenefikaw mill-Iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | Implimentata |
| 141 | Simplifikazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku.<br><br>Nota: L-MFH identifika 21 formola. Matul l-2016 issimplifika dawn li ġejjin:<br><br>*(a) Breast Clinic Referral*<br>*(b) Health Care Standards Licence Application*<br>*(ċ) Ticket of Referral, Mater Dei Hospital*<br>*(d) Organ Donation* | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 168 | Introduzzjoni ta' *mobile app* dwar servizzi tas-saħħa bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 155 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* li jkopru servizzi relatati mal-liċenzji tan-negozju kif ukoll *app* dwar il-*crafts* u l-artiġjanat bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>*(i) Mobile App dwar l-artiġjanat* | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 25 | Sistema ta' pagament elettroniku.<br>Il-pagamenti lill-inviġilaturi, *supervisors* u eżaminaturi se jibdew jidħlu dirett fil-kont bankarju personali permezz tas-sistema elettronika SEPA. Dan ser ikun aktar effiċjenti fejn qabel kien joqgħod jinħareġ ċekk. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Madwar 900 persuna li jinkludu inviġilaturi, *supervisors* u eżaminaturi. | Implimentata |
| 158 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* dwar is-servizz ta' *childcare* u servizzi edukattivi oħra bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>(a) iLearn inkluża fl-*app* tal-Fronter | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 36 | Simplifikazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru.<br><br>Reviżjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 160 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* dwar servizzi provduti mill-Enemalta u l-Korporazzjoni tal-Ilma bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. *Mobile App* tal-Enemalta u l-WSC. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 125 | Jiġi ffrankat l-iskariġġ biex titħallas it-taxxa u s-sigurtà soċjali. Fejn qabel persuna kien ikollha tmur il-Furjana, issa ser tibda tinqeda mill-fergħat tal-Maltapost f'diversi rħula. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 128 | Simplifikazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru.<br>Reviżjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku.<br>(i) *Sub Measure* 128 (1) - TA 24 - Ħlas onlajn ta' 15% fuq kirjiet residenzjali u kummerċjali.<br>(ii) *Sub Measure* 128 (2) - TA 23 - Ħlas onlajn ta' 15% fuq impjieg part-time.<br>(iii) *Sub Measure* 128 (3) - Formoli tat-tibdil ta' reġistru tal-VAT, dereġistrazzjoni mill-VAT, bdil ta' indirizz tal-VAT u bdil tal-attività ekonomika tal-VAT.<br>(iv) *Sub Measure* 128 (4) - Numru ta' formoli eżistenti li għadhom fil-format ta' pdf jiġu ddisinjati mill-ġdid biex jiġu inklużi fis-sit elettroniku e-Portfolio li jagħti aċċess lill-investitur għal kontijiet fid-depożitorju ċentrali. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 167 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* dwar kalkoli tat-Taxxa u d-Dwana bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>*App* biex jissimplifika l-aċċess għall-informazzjoni relatata ma' importazzjoni ta' oġġetti minn barra l-UE *vis-a-vis* VAT u Taxxa doganali.<br>*(a) Malta Customs app*<br>*(b) My Tax Toolkit app* | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 7 | Simplifikazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku.<br><br>*(a) Sistema tal-liċenzji u l-integrazzjoni tal-eforms*<br><br>*(b) Il-formola tal-ITS* | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru. | (a) Il-pubbliku u l-operaturi<br><br>(b) Studenti kurrenti u dawk prospettivi | Implimentata |
| 156 | Introduzzjoni ta' *mobile app* li tippromovi siti rurali f'Malta bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Turisti u l-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Interna<br><br>Titjib fl-operat u ż-żamma tal-istatistika fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Dan permezz ta' sistema ta' network ċentralizzata, li fiha jiġu rreġistrati s-sejħiet ta' emerġenza kif ukoll ir-rapporti u l-inċidenti kollha li jmorru fuqhom il-ħaddiema. B'hekk, dawn it-talbiet ikunu jistgħu jiġu referuti fis-sezzjonijiet rispettivi b'mod elettroniku minflok dak manwali. Dan ser iwassal għal titjib fl-effiċjenza tal-operat u aktar preċiżjoni fiż-żamma tal-istatistika. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | Il-pubbliku u dawk kollha li jagħmlu kuntatt mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Implimentata |
| 159 | Introduzzjoni ta' mobile app li tiffaċilita r-rapportaġġ ta' inċidenti kriminali bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>*App* dwar rappurtaġġ ta' inċidenti kriminali. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida li tissimplifika l-proċess ta' applikazzjoni għall-fondi pubbliċi tal-Kunsill Malti għall-Arti. Fil-preżent dawn l-applikazzjonijiet jintlaqgħu manwalment. Permezz ta' din is-sistema elettronika, persuni ser ikunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom onlajn fuq is-sit tal-kunsill. B'hekk tiżdied l-effiċjenza fl-ipproċessar tal- applikazzjonijiet kif ukoll il-kumdità għall-pubbliku. | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 164 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* li jkopru servizzi relatati mal-kultura u Valletta 2018 bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>(a) Kultura Malta app<br>(b) Valletta 2018 *app* | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 165 | Introduzzjoni ta' mobile app li tkopri servizzi relatati mal-konsumatur bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>(i) App għall-konsumatur | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 61 | Pubblikazzjoni ta' dokument legali wieħed li jgħaqqad is-simplifikazzjoni ta' diversi liġijiet u regolamenti relatati mas-saħħa tal-pjanti. B'hekk, persuna jkollha sors wieħed bħala referenza minn fejn tikseb din l-informazzjoni. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru. | Madwar 250 persuna | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 65 | Simplifikazzjoni fil-proċess ta' kontroll fuq importazzjoni u manifattura ta' prodotti tal-ikel mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, permezz ta' kordinazzjoni konġunta bejn diversi awtoritajiet. Dan jevita spezzjonijiet żejda għan-negozjanti. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Madwar 1,500 (Importaturi u manifatturi ta' prodotti tal-ikel) | Implimentata |
| 68 | Simplifikazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u jinftiehmu mill-pubbliku. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 161 | Introduzzjoni ta' mobile apps li jkopru servizzi relatati mal-ħarsien tal-annimali, flora u fawna bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 72 | Aċċess għal informazzjoni fuq is-sit ta' Transport Malta biex il-klijenti jkunu jistgħu jiggwidaw ruħhom fuq kif għandhom jimlew l-applikazzjonijiet tagħhom, mingħajr il-bżonn li jirrikorru għand id-dipartimenti. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 166 | Introduzzjoni ta' mobile app dwar Għawdex bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha.<br>(i) Visit Gozo | MGOZ | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 44 | Jitfassal *online calculator* fuq il-*My Services* fil-websajt tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex persuna tkun tista' tagħmel valutazzjoni approssimattiva tal-pensjoni tagħha. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | | Implimentata |
| 152 | Simplifikazzjoni fil-ħruġ ta' ċertifikati tal-mard. Persuni li jkunu għaddejjin minn mard fit-tul ser jibdew jintalbu jippreżentaw ċertifikat li jkopri sena minflok wieħed kull xahrejn. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | | Implimentata |
| 47 | Tibdil fil-mod kif issir il-valutazzjoni f'każijiet ta' persuni li waslu biex japplikaw għall-Pensjoni tal-Irtirar (RP) u li preżentament qegħdin jieħdu Pensjoni tal-Invalidità (IP). Dan il-proċess parzjalment awtomatizzat se jnaqqas id-dipendenza attwali tal-indħil manwali, inaqqas il-perijodu ta' valutazzjoni ta' talbiet bħal dawn u l-pagamenti jinħarġu f'inqas żmien. B'hekk jingħata servizz f'ħin iqsar u aktar effiċjenti lill-klijenti tad-DSS. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata. | | Implimentata |